MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 56/2007/1

**Abdul Hakim Hassan Abdulle u b'nota tal-15 ta' Novembru 2007 Dr. Michael Camilleri assuma l-atti tal kawża f'isem l-istess Abdul Hakim Hassan Abdulle u Kasin Ibrahim Nur u b'digriet tal-21 ta' Diċembru 2011 tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ġie korrett għal Kasim Ibrahim Nur u b'nota tat-12 ta' Marzu 2012 l-istess Dr. Michael Camilleri assuma l-atti tal-kawża f'isem l-istess Kasim Ibrahim Nur**

**v.**

**Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern; Kummissarju tal-Pulizija fil-kapaċita' tiegħu bħala Principal Immigration Officer**

## Preliminari

**1.** Dan huwa appell tal-intimati Ministru tal-Ġustizzja u Intern u tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-kapaċita` tiegħu bħala Principal Immigration Officer minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sede kostituzzjonali tagħha fid-29 ta' Novembru 2011 li permezz tagħha ċaħdet it-tieni talba tar-rikorrenti fir-rikors tagħhom tat-8 ta' Novembru 2007 għaliex infondata fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet mogħtija fl-istess sentenza iżda laqgħet it-talbiet l-oħra fir-rikors imsemmi tar-rikorrenti appellati, inkwantu konsistenti ma' dak deċiż fl-istess sentenza, b'dan illi:

- iddikjarat illi l-intimati kisru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti appellati, hekk kif sanċiti fl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319) minħabba l-aġir tagħhom fid-deportazzjoni u bil-mod kif aġixxew mal-istess kollox kif indikat fis-sentenza;

- iddikjarat illi l-intimati kisru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti *ai termini* tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja għaliex l-istess deportazzjoni tmur kontra d-dritt tar-rikorrenti għar-rimedju effettiv u dan kollox fit-termini ta' dak deċiż fis-sentenza;

- tat dawk ir-rimedji kollha meħtieġa u neċessarji fil-konfront tar-rikorrenti appellati sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali tagħhom fis-sens li minbarra d-dikjarazzjonijiet magħmula minnha konsegwenti għall-ewwel u t-tielet talba tar-rikorrenti appellati kkundannat ukoll lill-intimati flimkien in solidum bejniethom sabiex iħallsu lil kull wieħed mir-rikorrenti s-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) (b'kollox għoxrin elf Euro (€20,000) bħala kumpens għal tali ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif deċiż fis-sentenza;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-intimati appellanti.

**<u>Rikors promotorju tar-rikorrenti Abdul Hakim Hassan Abdulle u Kasim Ibrahim Nur</u>**

**2.** Bir-rikors tagħhom tat-8 ta' Novembru 2007 ir-rikorrenti Abdul Hakim Hassan Abdulle u Kasin Ibrahim Nur talbu lill-ewwel Onorabbli Qorti:

"1. Tiddikjara illi l-initimati jew min minnhom kisru d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, hekk kif sanċiti f'artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319**)** minħabba l-aġir tagħhom fid-deportazzjoni tar-rikorrenti.

"2. Tiddikjara illi l-initimati jew min minnhom kisru d-drittijiet fondamentali tiegħu, hekk kif sanċit f'artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba l-istess deportazzjoni.

"3. Tiddikjara illi l-initimati jew min minnhom kisru d-drittijiet fondamentali tiegħu, *ai termini* tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex l-istess deportazzjoni tmur kontra d-dritt tar-rikorrenti għar-rimedju effettiv.

"4. Tagħti dawk ir-rimedji kollha meħtieġa u neċessarji fil-konfront tar-rikorrenti sabiex jiġu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tiegħu."

**3.** Il-fatti miġjuba fir-rikors promotorju u li minnhom jilmentaw ir-rikorrent huma kif ġej:

"Illi r-rikorrenti huma t-tnejn mis-Somalia. Ir-rikorrent Abdul Hakim Hassan Abdulle telaq mis-Somalia fi Frar 2004 wara li gie ippersegwitat minn movement Islamiku militanti. Ir-rikorrent Abdul Hakim Hassan Abdulle kien proprjetarju ta' caffe f'Merka, Somalia u dan il-caffe' kien gie maghluq minn dawn il-militanti illi kienu qeghdin jippersegwitaw it-tribu' Madigan illi l-istess rikorrent huwa membru tieghu.

"Illi ghal din ir-raguni r-rikorrent kellu jitlaq mis-Somalia. Huwa mar lejn Addis Ababa, Ethiopia, imbaghad fis-

Sudan. Abdul Hakim Hassan Abdulle qasam id-desert Sahara ghal madwar 22 gurnata biex wasal il-Libja. Huwa kien ma' madwar 25 nies ohra fuq dan il-vjagg, minghajr ilma u ikel. L-ewwel wasal Benghasi u mbaghad Tripoli fit-23 ta' Marzu 2004.

"Illi fi Tripoli ir-rikorrent ipprova isib xoghol izda dan kien difficili u meta sab xoghol ma kienx imhallas tajjeb.

"Illi f'Mejju 2004, matul il-lejl ir-rikorrent flimkien ma' 30 nies ohra ppruva jaqsam il-bahar Mediterran izda d-dghajsa inqalbet u r-rikorrent Abdul Hakim Hassan Abdulle gham lura lejl il-kosta Libika. Iben ir-rikorrent Abdul Hakim Hassan Abdulle ghereq f'dan l-incident.

"Illi r-rikorrent l-iehor, Kasim Ibrahim Nur, telaq mis-Somalia kawza tal-fatt illi kien tilef il-familja kollha tieghu fil-gwerra f'pajjizu. Nhar is-7 ta' Lulju 2003, mar l-Ethiopia parti bil-mixi u parti permezz ta' karozza u baqa' hemmhekk ghal xahrejn. Wara l-Ethiopia huwa qasam id-desert Sahara u f'Dicembru 2003 wasal Tripoli, l-Libja. Ir-rikorrent ghex hemm ghal madwar sena. Il-hajja fil-Libja kienet difficli u ghalhekk iddecieda li jitlaq.

"Illi nhar it-30 ta' Settembru 2004, iz-zewg rikorrenti u 24 persuna ohra ppruvaw jaqsmu mil-Libja ghall-Ewropa. Id-dghajsa kienet intercettata minn *patrol* Malti u gew akkumpanjati Malta nhar l-1 ta' Ottubru 2004.

"Illi mal-wasla taghhom huma ittiehdu d-Depot tal-Floriana. Huma qalu lill-Pulizija illi kienu mis-Somalia u gejjin mill-Libja. Ir-rikorrenti kienu fotografati u inghataw 'police immigration number'. Huma qatt ma nghataw l-opportunita' li japplikaw ghall-asil f'Malta.

"Illi wara ghoxrin jum fid-Depot huma gew infurmati illi d-detenuti kollha bejn in-numru 04 00 005 u 04 00 010 kellhom jippakkjaw l-affarijiet taghhom. Huma gew immanetjati u mpoggija fuq xarabank tal-Pulizija. Meta staqsew fejn kienu sejrin, il-pulizija qalulhom illi kienu sejrin lura l-Libja. Huma staqsew sabiex jitkellmu mar-rappresentant tal-UNHCR f'Malta izda din it-talba ma gietx

accettata u l-pulizija qalulhom li l-ordnijiet kienu illi jitpoggew fuq l-ajruplan anki bil-forza jekk kien necessarju. Huma irrifjutaw izda l-pulizija uzaw il-forza u tellghu id-detenuti abbord.”

“Illi meta waslu Tripoli, l-awtoritajiet Libici zammewhom arrestati fl-ajruport imbaghad tpoggew f’van fejn kienu mghamda. Waslu gewwa post fejn kienu interrogati, imsawta u ittorturati. Wiehed mir-rikorrenti gie msawwat fil-qasba tas-sieq u ‘electrocuted’ fil-partijiet intimi tieghu. Dan kien ukoll imdendel wiccu ‘l isfel.

“Illi wara gimgha f’dan il-post ir-rikorrenti, flimkien mas-Somali l-ohra gew mehuda l-ewwel Fallah, post ta’ detenzjoni ghall-immigrati illegali u mbaghad l-habs ta’ Ain Zara. Wara xi tliet xhur r-rikorrenti gew mehuda l-Qorti fejn kienu processati minghajr ebda interpretu. Wiehed mill-pulizija kien irnexxulu jispejga lir-rikorrenti illi kienu wehlu sena habs kull wiehed. F’dan il-perjodu l-habs, ir-rikorrenti gew imsawwta u ttorturati.

“Illi f’Novembru 2005, ir-rikorrenti u s-Somali l-ohra tpoggew go jeep u wara tlett ijiem vjagg fuq dan il-jeep thallaw fid-dessert. Huma ghaddew 14-il gurnata fid-dezert minghajr ikel jew ilma. Wara gimgha Sadak u Mohammed mietu u wara ftit granet Hashi u Abdishukur ma kellhomx is-sahha jkomplu jimxu. Ir-rikorrenti baqghu jimxu u iltaqghu ma’ xi nies Berberi illi ghenuhom. Huma rnexxielhom jaslu Tripoli u fit-23 ta’ Gunju 2006 regghu waslu Malta.”

**4.** Ir-rikorrenti appellati komplew sostnew fir-rikors promotorju tagħhom li l-fatti minnhom rakkontati jagħtu lok għal vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, tal-Artikolu 4 tar-Raba’ Protokoll tal-istess Konvenzjoni u tal-Artikolu 13 tal-istess Konvenzjoni u kkonkludew billi talbu lill-Qorti tagħmel id-dikjarazzjonijiet fuq imsemmija u sabiex konsegwentement tagħtihom ir-rimedji opportuni sabiex jiġu mħarsa d-drittijiet fundamentali tagħhom.

**Ir-risposta tal-intimat Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern bħala l-Uffiċjal Għoli għall-Immigrazzjoni**

**5.** Fir-risposta tagħhom tal-20 ta' Novembru 2007 l-intimati Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern u l-Kummissarju tal-Pulizija fil-kapaċita` tiegħu bħala *Principal Immigration Officer* wieġbu li in linea preliminari l-Ministru mhuwiex il-leġittimu kontradittur u kellu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju skont l-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju u effettiv oltre l-proċeduri odjerni sabiex jissalvagwardaw id-drittijiet tagħhom u dan għat-tenur tal-Artikolu 8(1) tal-Kap. 420 in vista tal-fatt li r-rikorrenti ma ressqu l-ebda talba għal asil la appena waslu u anqas matul il-kors taż-żmien li damu Malta u għalhekk talbu li l-ewwel Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha għat-tenur tal-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 għar-raġunijiet mogħtija fir-risposta tagħhom. Fil-mertu, l-intimati appellanti insistew li t-talbiet tar-rikorrenti kienu għal kollox frivoli u li ma kien hemm ebda ksur jew x'aktarx ksur ta' xi dritt fundamentali mill-intimati versu r-rikorrenti u dan għar-raġunijiet minnhom esposti fir-risposta tagħhom.

**Is-sentenza appellata**

**6.** Wara li rriproduċiet ir-rikors promotorju tal-ġudizzju u r-risposta tal-intimati u rreġistrat id-diversi tappi tal-iter tal-proċeduri, l-ewwel Qorti għamlet riassunt tal-provi prodotti, ċaħdet iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati dwar l-illeġittimita` tal-persuna u n-nuqqas ta' eżawriment ta' rimedji ordinarji u għaddiet biex tiddeċiedi l-kawża fil-mertu kif fuq ingħad[1] wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

"Illi l-ewwel eccezzjoni hija fis-sens li l-Ministru tal-Guztizzja u l-Intern ma huwiex il-legittimu kontradittur skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 181B tal-Kap. 12,** izda din il-Qorti qed tichad din l-eccezzjoni peress li jirrizulta li l-Ministeru ghandu rwol importanti fl-ipprocessar tal-applikazzjoni ghall-i*status* ta' refugjat skond id-

[1] Ara par. 1 *supra*

disposizzjonijiet tal-**artikolu 7 (2) u (10), artikolu 8 (3) u artikolu 10 tal-Kap. 420,** u allura huwa wkoll legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri. Dan apparti li l-operat tal-entitajiet kollha konnessi ma' trattatament tal-immigranti llegali, inkluz l-agir tal-intimat l-iehor ovvjament tramite l-persuni adetti mieghu (u f'dan il-kaz mhux personalment) u l-organi kollha li jistghu jinfluwixxu fuq id-determinazzjoni li persuna tinghata l-i*status* ta' refugjat jaqghu taht l-istess dekasteru, u jirrizulta ghalhekk li f'dawn ic-cirkostanzi, inkluz jekk l-Awtoritajiet Maltin, kienux informati jew le dwar l-istat ta' persuni gejjin mis-Somalia, u t-trattament fil-Libja ta' persuni gejjin minn dak il-pajjiz jew ta' nazzjonalita' ohra, u ghalhekk fatturi li jistghu jiddeterminaw l-ezitu ta' kull applikazzjoni ta' asil, u kif issir tali applikazzjoni, iwasslu ghall-konkluzjoni li l-Ministeru intimat huwa l-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

"Illi dwar it-tieni eccezzjoni ta' nuqqas ta' ezawriment ta' rimedji fejn qed jinghad li r-rikorrenti kellhom rimedju ghaliex huma setghu japplikaw ghall-i*status* ta' refugjat skond l-**artikolu 8 (1) tal-Kap. 420,** jinghad li din il-kawza qed ssir proprju ghaliex fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz qed jigi allegat li r-rikorrenti ma inghatawx din l-opportunita', u dan peress li hadd ma qalilhom li setghu japplikaw ghall-asil, minkejja l-fatt li r-rikorrenti u l-persuni l-ohra li kienu maghhom mall-ewwel identifikaw ruhhom mal-Awtoritajiet bhala Somali li salpaw mil-Libja. F'dan il-kuntest l-Ispettur Mario Haber ikkonferma li huwa ma kellimx lir-rikorrenti jew lil xi immigrant iehor u kull ma sar allegatament huwa li inghataw formula bl-Ingliz ghall-applikazzjoni ghall-asil. F'dawn ic-cirkostanzi u fl-ambitu tal-kwezit hawn diskuss ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji, jinghad li kif impostata l-kawza odjerna, certament ma jistax jinghad li r-rikorrenti kellhom xi rimedju ordinarju, u dan huwa fil-fatt il-mertu tal-kawza odjerna, u jirrizulta ghalhekk li mill-fattispecie allegati tal-kaz in ezami, la darba l-istess rikorrenti qed jallegaw li ma inghatawx informazzjoni kif kellhom japplikaw ghall-asil, mela allura ma jistax jinghad li l-eccezzjoni ta' ezawriment tar-rimedji ordinarja jista' jkollha success f'din il-kawza, u dan iktar u iktar meta tali allegat rimedju jrid jitqies fid-

dawl tal-ksur tal-jedd fundamentali li jkun qed jigi allegat li gie miksur, rimedju li ghandu jkun accessebbli, xieraq, effettiv u adegwat, u din hija proprju l-lamentela tar-rikorrenti.

"Illi hawn jigi rilevat li skond l-**artikolu 8 tal-Kap 420,** l-ufficjal tal-immigrazzjoni kellu l-obbligu illi jinforma lil persuna li qed tfittex protezzjoni bid-dritt li tapplika ghall-asil, li tikkonsulta lill-UNCHR u li jkollha l-assistenza legali fil-fazijiet kollha tal-procedura, u li persuna tista' tapplika fuq formula apposita, liema formula ghandha tkun f'lingwa li l-applikant ikun jifhem. Dan huwa soffermat minn **artikolu 3 tar-Regolamenti dwar Proceduri ta' l-Asil (Applikazzjoni ghal Dikjarazzjoni) (Avviz Legali 253 tal-2001)** fejn jinghad li l-ufficjal ta' immigrazzjoni ghandu jinforma lill-persuna li tkun qed tfittex l-asil, meta possibbli bil-lingwa li jkun jifhem, jew inkella permezz ta' interpretu, li tkun tista tapplika ghall-i*status* ta' refugjat skond l**artikolu 8 tal-Kap. 420,** u hawn ssir riferenza ghall-**artikolu 3 (3)** tal-istess regolamenti fejn *inter alia* li l-istess ufficjali ghandu d-dmir li jinforma lill-applikant li:-

"(a) kull informazzjoni minnu moghtija ghandha tibqa' konfidenzjali;

"(b) li jkollu jedd ghall-ghajnuna ta' avukat matul iz-zmien kollu tal-proceduri ta' asil;

"(c) li jkollu jedd jaghmel kuntatt mal-Kummissarju Gholi;

"(d) li jkollu jedd jipprezenta l-kaz tieghu kollu kemm hu u li jaghmel sottomissjonijiet lill-Kummissarju;

"(e) dwar l-obbligu li ghandu jikkopera ghal kollox ma' l-awtoritajiet, partikolarment mal-Kummissarju, u li jaghti informazzjoni rilevanti mal-applikazzjoni tieghu; u

"(f) li r-rifjut min-naha tieghu, minghajr raguni valida, li jaghti xi informazzjoni mitluba mill-Kummissarju jew li jikkopera ghal kollox ma' l-Awtoritajiet tista' twassal

ghas-sospensjoni jew it-terminazzjoni tal-proceduri ta' lasil ... ... ...

"Illi fl-**artikolu 4 (a)** jinghad ukoll li malajr kemm jista' jkun possibbli, dak l-ufficjal ta' l-immigrazzjoni ghandu jassisti lill-applikant biex jimla' l-formula ta' l-applikazzjoni ghal dikjarazzjoni fejn ikun possibbli bl-assistenza ta' interpretu.

"Illi fid-dawl ta' kollu, u stante li l-lamentela tar-rikorrenti huwa li l-ufficjal jew l-ufficjali inkarigati ma ghamlu xejn jew kwazi xejn minn dan, din il-Qorti thoss li anke din l-eccezzjoni ghandha u qed tigi fil-fatt michuda.

"Illi kwantu ghall-mertu din il-Qorti jirrizultalha li r-rikorrenti meta waslu Malta inghataw in-numru 04 00 006 u 04 00 007 rispettivament u flimkien ma erba' ohra minn shabhom li kellhom in-numri l-ohra minn 04 00 005 sa 04 00 010, tqeghdu fuq daghjsa wahda, u inhadu d-Depot, u lil dawn is-sitta hadd ma kellimhom li kellhom dritt li japplikaw ghall-asil. Jidher li l-istess immigranti, inkluz ir-rikorrenti, kellhom kuntatt biss mal-Ufficjal tal-Pulizija li xehed f'din il-kawza, u huwa jammetti li hlief li tahom Removal Order, u formula ghall-applikazzjoni ta' asil, liema formula jew kopja taghha lanqas biss ma giet esebita f'din il-kawza, u ha d-dettalji taghhom (li minnhom irrizulta li huma Somali) hu ma ghamel xejn izjed, u dan minn dak il-hin sal-mument li gew deportati, u dan johrog car mix-xhieda tieghu tat-22 ta' April 2009 a fol. 89 tal-process.

"Dan b'differenza ghal dak li beda jigri fi snin sussegwenti fejn l-istess immigranti bdew jinghataw dokument bl-Ingliz, u jekk ma jifmuhx b'lingwi ohra (bhal Franciz u Gharbi) intitolat *"Your entitlements, responsabilities and obligations while in detention"* li fihom hemm indikat id-drittijiet u l-obbligi taghhom, u fosthom kif ghandhom japplikaw ghall-asil u li ghandhom dritt jaghmlu dan, bl-assistenza kollha ndikata fl-istess dokument fi zmien xahrejn mill-wasla taghom Malta (para. 10 – fol. 60).

"Illi f'dan il-kaz ir-rikorrenti u erba' ohra min shabhom ma kienux informati sew bid-dritt taghhom li japplikaw ghall-asil u fil-fatt ma jirrizultax li xi hadd kellimhom dwar dan u huma inzammu mhux f'Centru ta' Detenzjoni, izda fid-Depot tal-Pulizija, u kienu sitta biss li gew mibghuta fi zmien ghoxrin gurnata; f'dan il-kuntest huwa relevanti u wkoll interessanti li mill-lista a fol. 121 tal-process jirrizulta li l-immigranti l-ohrajn li baqghu hawn Malta, li immigranta minnhom mara li giet mal-grupp, applikat ghall-asil fit-2 ta' Ottubru 2004, tlett nisa ohra fit-13 ta' Ottubru 2004 u dawn kienu qed jinzammu fic-Centru ta' Hal Safi, u l-irgiel l-ohra li gew mar-rikorrenti, izda li jidher li gew trattati differenti mill-grupp ta' sitt immigranti li attwalment gew deportati nkluz ir-rikorrenti, applikaw ghall-asil biss fit-8 ta' Novembru 2011, u allura jiem wara li r-rikorrenti u erba' minn shabhom kienu gja gew deportati, u spjegazzjoni ghal dan assulutament ma hemm ta' xejn ghaliex dawn is-sitt persuni gew deportati biss wara ghoxrin gurnata, meta persuni ohra bhalhom inzammu Malta, u dan minkejja li ma kienux applikaw sa dak in-nhar bhalhom ghall-asil, u meta dawn kienu wkoll Somali, bhar-rikorrenti u l-erbgha minn shabhom, li s-sitta li huma gew deportati kollha fil-21 ta' Ottubru 2004. Din il-Qorti ppruvat tara ghaliex sar dan mar-rikorrenti u l-persuni li gew sfurzati li jitilqu minn Malta, izda dwar dan ma hemm ebda spjegazzjoni ta' xejn, u dan fih innifsu huwa preokkupanti ghall-ahhar."

**7.** Hawnhekk l-ewwel Qorti ċċitat *verbatim* ir-regolament 3(2) tar-Regolamenti dwar Proċeduri tal-Asil (Applikazzjoni għal Dikjarazzjoni) (Avviż Legali 253/2001) li minnu joħorġu d-doveri tal-uffiċjal tal-immigrazzjoni li jinforma lill-persuna li tkun qegħda tfittex asil b'lingwa li jifhem jew permezz ta' interpretu dwar id-drittijiet u obbligi tiegħu skont il-liġi fosthom li kull informazzjoni tinżamm kunfidenzjali, id-dritt għall-għajnuna ta' avukat, aċċess għall-Kummissarju Għoli, id-dritt li jippreżenta l-każ u jagħmel sottomissjonijiet lill-Kummissarju, l-obbligu li jikkopera mal-awtoritajiet u l-konsegwenzi fil-każ li jonqos minn dan l-obbligu, id-dritt li jiġi assistit jimla l-formula tal-applikazzjoni fejn possibli permezz ta' interpretu.

**8.** L-ewwel Qorti imbagħad kompliet kif ġej bil-konsiderazzjonijiet tagħha:

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-ufficjali tal-pulizija nkarigat minn dan il-kaz sfortunatament u *ex admissis* mix-xhieda tieghu *viva voce* ma ghamel xejn minn dan, u certament li f’dan il-kuntest il-fatt li persuni ohra li kienu fuq l-istess dghajsa applikaw fid-9 ta’ Novembru 2004, meta r-rikorrenti kienu gja ntbaghtu lura, ( jinghad li ohrajn applikaw fit-18 ta’ Ottubru 2004, jumejn biss qabel mar-rikorrenti gew deportati), jindika li r-rikorrenti (flimkien ma erbgha ohra) ghal xi raguni ma nghatawx l-opportunita’ li japplikaw ghall-asil u effettivament gew prekluzi milli japplikaw ghall-asil fiz-zmien li damu Malta, u dan meta jidher li kien hemm il-mezzi kollha sabiex dan ikun jista’ jsir, kif sar ma` persuni ohra, izda li ma giex effettwat fil-kaz tar-rikorrenti.

“Illi wiehed mill-argumenti tal-intimati huwa li tmintax-il Somalu iehor applikaw ghall-asil (para. 31 tan-nota responsiva tal-intimati) u fil-fatt il-misteru dwar dan kollu huwa proprju dan, tant li ftit minnhom applikaw biss jumejn qabel ir-rikorrenti gew deportati, mentri numru ikbar applikaw ghall-asil wara li r-rikorrenti gew deportati. Ghaliex sar dan l-intimati ma kienux u ma humiex kapaci jispjegaw, u dawn il-fatti certament jimmilitaw kontra t-tezi tal-intimati, u certament ikomplu jikkonfermaw li f’dan il-kaz ir-rikorrenti ma inghatawx l-opportunita’ u c-cans li japplikaw ghall-asil. F’paragrafu 32 tar-replika tal-intimati jinghad li fl-affidavit tieghu l-Ispettur Haber spjega li fic-centru ta’ detenzjoni, ikun hemm *leader* li jispjega kollox lill-Immigranti u anke jkun hemm membri tal-Jesuits Refugee Services, li setghu jsaqsuhom ghall-informazzjoni u ghajnuna, izda f’dan il-kaz ma sar xejn minn dan ghaliex inzammu d-Depot tal-Pulizija u ma jirrizulta li kellhom access ghal hadd (ara affidavit tar-rikorrenti Kasim Ibrahim Nur, (fol. 26) u kull ma sar biss li hallewhom hemm u wara 21 gurnata marru ghalihom u mmanettjati wassluhom l-ajruport u poggewhom fuq ajruplan b’pulizija bejn tnejn u nhadu lura l-Libja, fejn hadd mill-immigranti ma ried imur.

“Illi meta waslu l-Libja dawn inzammu taht arrest u r-rikorrenti jirrakkontaw kif gew stmati u ttorturati u hawn issir riferenza ghall-affidavit ta’ l-istess rikorrenti Nur u ghar-rikors promotorju. Ma hemm l-ebda dubju li r-rikors odjern mhux qed isir ghal xi trattament inuman li r-rikorrenti sofrew b’xi mod f’Malta, izda l-ilment tar-rikorrenti f’dak li huwa l-**artikolu 36 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea** huwa fis-sens li meta stat jestradixxi persuna ghal Stat iehor li jista’ jaghti lok li dan jigi trattat bil-mod kif indikat fl-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni**, u meta jigi ppruvat li *“substantial grounds have been shown for believing that the person concerned if extradited, faces a real risk of being subjected to torture or to inhuman or degrading treatment or punishment in the requesting country”,* mela allura hemm ksur ukoll tal-istess artikolu u dan kif ritenut fil-kaz ta’ **“Soering v. United Kingdom”** (EctHR – 7 ta’ Lulju 1989).”

**9.** L-ewwel Qorti ċċitat diversi sentenzi oħra tal-Qorti Ewropeja fi Strasburgu u ssoktat kif ġej:

“Illi hawn necessarjament irid jigi ezaminat jekk bir-ritorn lejn il-Libja kienx hemm perikolu li l-istess rikorrenti jigu assoggettati ghat-trattament inuman jew degradanti fil-kuntest tal-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni**, u hawn issir referenza ghax-xhieda tar-rikorrenti li minnha jirrizulta li l-istess kif waslu l-Libja gew maghmmda, tpoggew f’van, gew imsawta, u mpoggija kull wiehed isolat f’cella, imsawta b’injama hoxna tant li r-rikorrenti ntilef minn sensih, u dan baqa’ jsir ghal kull lejl ghal sebat’ijiem shah; wara inhadu f’habs Fallah, fejn kienu jinzammu immigranti llegali ghal 11 il-gurnata, u mbaghad ittiehdu l-habs ta’ Ain Zara; gew mehuda l-Qorti fi tlett okkazjonijiet minghajr ma kienu jafu jew spjegawlhom ghaliex, bla avukat jew interpretu u wahlu sena habs ghax gew trattati bhala immigranti llegali; il-habs inzammu ma` 50 sa 70 persuna f’kull cella, u gew torturati bil-mod kif indikat fix-xhieda prodotta minnhom u mizmuma f’kundizzjonijiet degradanti. Bejn Ottubru u Novembru 2005, huwa u hames Somali ohra ttiehdu fid-dezert u gew hemm abbandunati u wara li erbgha minn shabhom waqfu jimxu ghax ma felhux izjed ir-rikorrenti baqghu ifittxu sabiex isibu lil xi hadd jghinhom

u wara gimghatejn iltaqghu ma' nomadi li tawhom jixorbu u jieklu u haduhom Kufra l-Libja u hemm wara marru Tripoli u regghu ppruvaw jahdmu sakemm gew Malta fis-sena 2006.

"Illi ma hemm l-ebda dubju f'ghajnejn din il-Qorti li mir-rakkont taghhom l-istess rikorrenti gew assoggettati ghal tortura, swat, detenzjoni prolungata f'kundizzjonijiet degradanti u inumani li setghet facilment waslet ghall-mewt, u kien b'miraklu biss li dan ma sehhx.

"Illi jirrizulta wkoll li mir-rapporti esebiti jirrizulta li kien maghruf li fil-Libja taht ir-Regim ta' Mu'ammar Gaddafi tali immigranti llegali, flimkien ma' persuni ohra, kienu jigu trattati mill-iktar mod hazin, u kemm persuni ta' Nazzjonalita' Eritrejana u Somala, kienu jigu deportati lejn pajjizhom minkejja s-sitwazzjoni imwera li kien hemm fl-istess pajjizi, rikonoxxuta internazzjonalment, jew inkella imhollija fid-dezert sabiex imutu hemm. Illi f'dan il-kuntest issir riferenza ghal diversi rapporti esebiti mir-rikorrenti li jindikaw li l-Libja kienet indikata minn diversi organizzazzjonijiet internazzjonali bhala Stat fejn ir-*Rule of Law* ma kienitx tezisti, fejn l-i*status* ta' refugjat ma kienx protett minkejja l-Konvenzjonijiet ezistenti, tant li l-UNCHR u *Amnesty International* hargu diversi rapporti u stqarrijiet f'dan ir-rigward."

**10.** Is-sentenza appellata qabel issokktat bil-konsiderazzjonijiet tagħha għamlet riferenza għal dak li jingħad f'rapport tal-Aġenzija tal-Ġnus Magħquda għar-Refuġjati (UNHCR), f'diversi komunikazzjonijiet minn entitajiet interessati fil-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, rapport dettaljat ta' missjoni teknika mibgħuta mill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropeja fil-Libja biex tindaga dwar is-sitwazzjoni tal-immigrazzjoni illegali f'dak il-pajjiż u oħrajn u wara għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet ulterjuri:

"Illi hawn issir riferenza ghar-rapporti kollha esebiti mir-rikorrenti, datati kemm dawk qabel is-sena 2004, u kemm wara s-sena 2004, fejn mill-istess jirrizulta li l-immigranti llegali li jinqabdu jigu trattati b'mod konsistenti b'mod inuman, degradanti, u torturati b'kull mod possibli, u tant

kienet imxerrda din il-prattika fil-Libja, li dan kien internazzjonalment maghruf, permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluzi l-UNCHR u l-Kummissjoni Ewropea, u dan anke permezz ta' studji, investigazzjonijiet, u rapporti, bhal dawk esebiti, li l-allegazzjonijiet attrici jridu necessarjament jittiehdu f'dan l-isfond, u allura dan irendi l-verzjoni tar-rikorrenti konsistenti u kredibbli, u fil-fatt lanqas hija *per se* kontradetta, u wkoll jirrizulta l-fatt li l-Awtoritajiet relattivi u wkoll koncernati kellhom almenu bhala minimu l-mezzi disponibbli sabiex ikunu jafu b'din is-sitwazzjoni, u bhala prova irid jinghad li in vista ta' tali rapporti hekk pubblikati internazzjonalment, huwa hafna difficli ghal din il-Qorti, li taccetta l-posizzjoni mpoggija l-quddiem ghall-konsiderazzjoni taghha, mid-difensuri tal-intimati fin-nota responsiva taghhom, li tali riskju ta' tortura u trattament inuman u degradenti ghal persuni bhar-rikorrenti fil-Libja ma kienx ghadu maghruf presumibilment mill-intimati f'Ottubru 2004 (ara para. 38 u 40 – 45 tan-nota responsiva tal-intimati), u dan iktar u iktar meta tigi kkonsidrata l-posizzjoni li kienet attwalment tesizti fil-mument tal-prezentata tal-istess nota fit-29 ta' April 2009 kif donnu qed jigi suggerit f'paragrafu 39 tal-istess nota. Anzi din il-Qorti thoss li mir-rapporti kollha esebiti (Dok. "HH 1" sa Dok. "HH 21" (fol. 127 sa fol. 443) inkluz il-brani minnhom citati fin-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti datata 4 ta' April 2011 (fol. 492), li ghaliha qed issir riferenza, gie ppruvat li r-riskju ta' tortura ghar-rikorrenti fil-Libja bit-tkeccija taghhom minn Malta fl-2004 kienet mhux sempliciment riskju residwu, izda riskju attwali fis-sens li kien hemm f'dak iz-zmien *"substantial grounds for believing that the persons concerned faces the real risk of ill-treatment",* u dan huwa f'dan il-kaz imsejjes fuq fatti stabbiliti u mhux kongetturi, possibilitajiet u supposizzjonijiet. Dwar dan ma hemm l-ebda dubju u rrapporti ma jhallu l-ebda dubju dwar it-trattament ta' persuni li jkunu qed ifittxu l-asil fil-Libja, fejn dan l-i*status* lanqas biss kien rikonnoxxut, u la darba rimpatrijati, l-istess persuni, b'mod sistematiku, kienu jigu soggetti ghal kull tip ta' trattament inuman, tortura, u degradazzjoni umana fl-ghar livell possibbli u immaginabbli, li twassal ghal ugieh kbir, jekk mhux mewt, u wkoll ghal

deportazzjoni, fejn il-bniedem jibqa' haj, proprju lejn il-pajjiz fejn dawn l-imsejkna persuni jkunu harbu sabiex jevitaw persekuzzjoni kontra taghhom. F'dan l-istat ta' provi li din il-Qorti qed tirrinfaccja, ma tistax hlief takkolji l-ewwel talba tar-rikorrenti ghaliex kontrjament ghal dak ritenut f'paragrafu 49 tan-nota tal-intimati (fol. 535) kien hemm sufficjenza ta' prova in sostenn tad-dritt pretiz mir-rikorrenti, u l-provi huma cari u inekwivoci (**"John Mary Vella vs Bernard Hotel Limited"** – A.C. – 17 ta' Ottubru 2008) ghall-allegazzjonijiet vantati mill-istess rikorrenti.

"Illi din id-decizjoni qed tittiehed ukoll fl-isfond ta' dak ritenut fis-sentenza **"Cruz Varas and Others v. Sweden"** (EcrHR – 20 ta' Marzu 1991) fejn inghad f'parag. 75-76 u 88 li:-

*""(1) In determining whether substantial grounds have been shown for believing the existence of a real risk of treatment contrary to Article 3 (art. 3) the Court will access the issue in the light of all the material placed before it, or, if necessary, material obtained proprio mutu;*

*"Further, since the nature of the Contracting States' responsability under Article 3 (art. 3) in cases of this kind lies in the act of exposing an individual to the risk of illtreatment, the existence of the risk must be assessed primarily with reference to those facts which are known or ought to have been known to the Contracting State at the time of the expulsion; the Court is not precluded, however from having regard to information which comes to light subsequent to the expulsion. This may be of value in confirming or refuting the appreciation that has been made by the Contracting Party or the well-foundedness or otherwise of an applicant's fears;*

*"(3) Ill-treatment must attain a miniumum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 (art. 3). The assessment of this minimum, is, in the nature of things, relative; it depends on all circumstances of the case."*

"Illi huwa f'dan l-isfond li din il-Qorti ezaminat l-atti u l-provi kollha migbura, nkluz ir-rapporti esebiti, u anke bicciet

mill-brani tal-istess rapporti citati fin-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti prezentata minn Dr. Michael Camilleri, u b'riferenza anke partikolari mir-raba' paragrafu tal-pagna 13 tal-istess nota sa' pagna 23 tal-istess (fol. 514). Dan iktar u iktar ghal persuni li gejjin mis-Somalia, fejn huwa maghruf li hemm kunflitt vjolenti fejn eluf kbar ta' nies jaharbu kull sena biex ifittxu kenn, u dan huwa fatt maghruf mill-Gvern Malti li tul dawn l-ahhar snin ta protezzjoni lil eluf ta' refugjati li waslu minn Malta minn dan il-pajjiz skond il-posizzjoni li hadet il-UNCHR ***"on the return of rejected asylum seekers to Somalia"*** ta' Jannar 2004 li jghid li:-

*""UNCHR considers that persons originating from Southern Somalia are in need of international protection and objects to any involuntary return of rejected asylum-seekers to the area south of the town of Galkayo".*

"Fil-fatt meta r-rikorrenti regghu gew Malta, u din it-talba gew informati bid-dritt taghhom li japplikaw ghall-asil, huma inghataw protezzjoni fuq dan il-parir tal-UNCHR.

"Illi f'dan il-kaz gie ppruvat li l-Libja ma kienitx *a safe country,* kemm minhabba il-mod kif kienu jigu trattati immigranti rregolari, kif ukoll minhabba l-fatt li l-Libja lanqas biss kien hemm sistema biex wiehed jaghmel talba ghal asil u gie wkoll pruvat li f'numru konsiderevoli ta' kazi ta' persuni li kienu qed ifittxu kenn gew maltrattati, torturati, degradati, suggettti ghat-trattament vjolenti u inumani, impoggija f'kundizzjonijiet patetici, u dizumani ghall-ahhar u fl-estrem, u fl-ahhar mill-ahhar, jekk jirnexxielhom jibqghu jghixu wara din l-esperjenza, jigu deportati lejn pajjizhom, jew abbandunati f'nofs dezert, kollox in vjolazzjoni tal-principju ta' *non refoulement*, u dan kollu jikkostitwixxi ksur tal-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni.** Dan il-kaz odjern huwa wkoll kaz bhal dawn, u tali trattament gie ppruvat li sar mill-Awtoritajiet Libjani, u huwa konsistenti ma' dak li gralhom diversi immigranti llegali bhalhom li kienu fil-Libja, u gie wkoll pruvat li l-Awtoritajiet kompetenti kellhom l-informazzjoni mehtiega fiz-zmien relattiv ta' tkeccija li kienu jew setghu kienu jafu bil-posizzjoni prevalenti fil-Libja fil-konfront ta' tali

immigranti llegali, u li fid-dawl ta' dan kollu, kien wiehed jistenna u janticipa, li jekk ir-rikorrenti, li gejjin mis-Somalia, u li f'dak iz-zmien ukoll kien jinhtigilhom protezzjoni milli jigu ritornati lejn pajjizhom, jekk jigu rimpatrijati l-Libja kienu ser jigu suggetti ghal tali tortura, trattament inuman, u degradanti, u wkoll li jigu wkoll rimpatrijati lejn il-pajjiz taghhom ta' origini u l-grajjet ricenti gewwa l-Libja, huma konferma (jekk kien hemm bzonn) ta' dan minhabba r-regim vjolenti u oppressiv li kien jezisti, bl-ebda rispett lejn l-umanita' tal-bniedem, u wisq inqas lejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Din il-Qorti ma tistax tinjora l-kuntest storiku ta' dan kollu, nkluz fiz-zmien meta sehhet it-tkeccija hawn oggett ta' din il-kawza, meta r-rikorrenti regghu gew Malta u inghataw protezzjoni, u wkoll dak kollu li kien hemm u sehh fil-Libja matul iz zmien, inkluz dak ricenti. F'dan il-kuntest l-ewwel talba attrici qed tigi milqugha.

"Illi dwar l-**artikolu 13 tal-Konvenzjoni** dan jghid li:-

*""Kull minn ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tieghu kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita' nazzjonali ghalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jagixxu f'kariga ufficjali".*

"Illi ma hemmx dubju li f'dan il-kaz ir-rikorrenti kellhom dak li gie indikat fil-kawza **"Anne Marie Andersson v. Sweden"** (ECtHR – 27 ta' Awwissu 2007) bhala *"arguable case"* u wkoll li l-Istat ghandu jaghtihom rimedju ghall-ksur tad-drittijiet taghhom, haga li ma gietx moghtija lilhom qabel ma tkeccew fis-sena 2004, u dan proprju li bil-mod kif il-persuna/i inkarigata/i mxiet jew imxewwew maghhom, huma gew prekluzi milli jistitwixxu proceduri ta' asil taht il-**Kap. 402,** u l-ebda rimedju ma kien disponibbli fuq skala nazzjonali ghal dan in-nuqqas, u allura ma kienx hemm *"effective remedy before a national authority to everyone who claims that his rights and freedoms under the convention have been voilated"* (**"Klass v. Germany"** – ECtHR – 6 ta' Settembru 1978). Illi f'din il-kawza odjerna dan qed jigi altraccat mal-ksur tal-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni** b'dan li l-istess artikolu qed jigi nvokat ma' ksur ta' dritt fundamentali iehor indikat fil-Konvenzjoni, u

allura qed jigi invokat *"in conjunction with one or more of these rights and freedoms"* (**"Charles Galea vs Prim Ministru et"** (Q.K. – 17 ta' Novembru 2008); **"Theory and Pratice of the European Convention on Human Rights – van Dijk & van Hoof.** Illi jinghad pero' ukoll li fil-kaz ta' **"Chalal v. The United Kingdom"** (ECtHR – 15 ta' Novembru 1996) inghad li *"in such cases, given the nature of the harm that might occur if the risk of illtreatment materialised and the importance that the Court attaches to article 3 (art. 3), the notion of an effective remedy under Article 13 (art. 13) requires independent scrutiny of that if there exist substantial grounds for fearing a real risk of treatment contrary to Article 3 (art.3)".* Illi ghalhekk anke din it-tielet talba qed tigi milqugha.

"Illi minn naha l-ohra ma jirrizultax li hemm ksur tal-**artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni** ghaliex ma jirrizultax li kien hemm *"collective expulsion of aliens as a group"* tant li f'dan il-kaz grupp minnhom inghata protezzjoni, ghaliex fil konfront tieghu gie accertat li d-dritt taghhom li japplikaw ghall-asil gie rispettat u osservat, u allura l-kaz jibqa' wiehed fuq skala individwali, anke jekk kien jinvolvi iktar minn persuna wahda, izda certament mhux kollettiv, u ghalhekk it-tieni talba qed tigi michuda.

"Illi dwar ir-raba' talba din id-dikjarazzjoni kontenuta fis-sentenza odjerna abbazi tal-ewwel u t-tielet talba tar-rikors hija fiha nfisha kumpens ghall-ksur tal-**artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 3 u 13 tal-Konvenzjoni Ewpropeja,** izda fic-cirkostanzi tal-kaz, u in vista' ta' dak li ghaddew minnu l-istess rikorrenti minhabba l-agir tal-persuni u l-Awtoritajiet involuti f'dan il-kaz specifiku, din il-Qorti thoss li dan ma huwiex bizzejjed u ghandu jinghata wkoll kumpens pekunarju u ghal dan liskop din il-Qorti qed *arbitro boni viri* tikkoncedi u tillikwida kumpens lil kull wiehed mir-rikorrenti ta' ghaxar t'elef ewro il-wiehed, b'kollox ghoxrin elf ewro (€20,000) li l-intimati ghandhom ihallsu lir-rikorrenti."

**<u>L-appell tal-Ministru tal-Ġustizzja u Intern u tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-kapaċita` tiegħu bħala Principal Immigration Officer</u>**

**11.** Ir-rikorrenti Ministru tal-Ġustizzja u Intern u l-Kummissarju tal-Pulizija fil-kapaċita` tiegħu bħala *Principal Immigration Officer* ħassewhom aggravati bis-sentenza fuq imsemmija tal-ewwel Qorti tad-29 ta' Novembru 2011 u b'rikors tas-16 ta' Diċembru 2011 appellaw minnha quddiem din il-Qorti u talbu li din il-Qorti, sakemm ma tiġix annullata s-sentenza minħabba żball fl-okkju tal-istess, tirriforma s-sentenza appellata billi (i) tikkonfermha f'dik il-parti fejn ċaħdet it-tieni talba u ma sabitx ksur tal-Artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u (ii) tħassarha, tirrevokha u tannullha fil-bqija fejn laqgħet it-talbiet l-oħra tar-rikorrenti u ffissat kumpens ta' għaxart elef Euro (€10,000) lil kull wieħed mir-rikorrenti u minflok tiċħad l-istess talbiet, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess rikorrenti appellati filwaqt li tikkonfermaha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati appellati tirrevokaha fil-bqija u minflok tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti appellanti u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati appellati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess intimati appellati.

**12.** L-aggravji tal-appellanti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

1. b'eżitazzjoni kbira u aktar taħt forma ta' kweżit milli ta' aggravju, l-appellanti jiġbdu l-attenzjoni għall-fatt li skont huma hemm żball fl-okkju tas-sentenza appellata billi isem wieħed mir-rikorrenti ġie ndikat bħala "Kasin" meta ismu korrett hu "Kasim" u għalhekk iddomandaw jekk dan kellux iwassal għan-nullita` tas-sentenza appellata;

2. l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta żammet lill-Ministru tal-Ġustizzja u Intern bħala parti f'din il-kawża u messha ħelsitu mill-osservanza tal-ġudizzju peress li l-ilmenti tar-rikorrenti appellati u r-rimedji mfittxija minnhom setgħu biżżejjed jilħqu l-għan tagħhom kontra l-Kummissarju tal-Pulizija fil-kapaċita` li ġie mħarrek u r-rikorrenti ma ħadu ebda valur miżjud bil-preżenza tal-Ministru msemmi f'din il-kawża;

3. l-ewwel Qorti messha ddeklinat li teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha peress li skont l-appellanti r-rikorrenti kellhom rimedji biżżejjed tajba u effettivi taħt il-liġi ordinarja sabiex iħarsu d-drittijiet tagħhom liema rimedji kienu jikkonsistu fid-dritt ta' appell kontra l-ordni ta' tneħħija taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 217 u li japplikaw għall-i*status* ta' refuġjat taħt il-Kap. 420 bil-konsegwenza li l-proċeduri tal-espulsjoni jiġu sospiżi;

4. ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jew tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja u d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti kienet riżultat ta' apprezzament żbaljat tal-provi peress li fil-perjodu li r-rikorrenti appellati ġew imreġġa' lura l-Libja ma kienx magħruf u ma kien hemm ebda ħjiel ta' informazzjoni uffiċjali, ċerta u konklussiva li l-Libja kien xi pajjiż perikoluż fejn ma setgħux jintbagħtu immigranti illegali; inoltre ma tressqet ebda prova li turi li r-rikorrenti appellati tassew batew it-tortura u l-maltrattament fil-Libja;

5. ma kien hemm ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni u l-ewwel Qorti żbaljat meta rabtet il-vjolazzjoni ta' dak l-artikolu mal-Artikolu 3 tal-istess Konvenzjoni invokat mir-rikorrenti appellati għaliex l-allegazzjoni li r-rikorrenti ma tħallewx mill-uffiċjal tal-immigrazzjoni jutilizzaw ir-rimedji mogħtija lilhom mil-liġi ordinarja ma tinkwadrawx fil-parametri tal-Artikolu 3 iżda semmai taqa' fl-ambitu tal-Artikolu 6 li jittratta mid-dritt għal smigħ xieraq u għal aċċess għall-qrati; fi kwalunkwe każ, sabiex ikun hemm ksur tal-Artikolu 13 li jrid jiġi pruvat hu (i) li l-liġi ordinarja ma tipprovdix għal ebda rimedju prattiku u effettiv biex jiġu evitati allegati vjolazzjonijiet jew jiġu mwaqqfa tali vjolazzjonijiet jew (ii) li l-liġi ordinarja ma tipprovdix għal rimedju għal vjolazzjoni li tkun ġia` seħħet, u mhux li fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ l-individwu ġie prekluż milli jeżerċita r-rimedji legalment disponibbli liema xenarju seta' potenzjalment jinkwadra fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

6. fi kwalunkwe każ, is-sejbien ta' leżjoni ma kellux iwassal għal fissazzjoni ta' kumpens pekunjarju peress li s-sejbien ta' leżjoni kienet tkun biżżejjed u effikaċi tenut

kont tal-fatt li r-rikorrenti appellanti f'ebda stadju ma talbu speċifikatament għal danni materjali jew pekunjarji u ma għamlu anqas l-iċken tentattiv sabiex jikkwantifikaw tali danni tant li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fuq daqshekk għandha tiġi ritenuta *ultra petita*, l-ewwel Qorti ma spjegatx il-mod kif waslet għall-ammont stabbilit u naqset milli tieħu konjizzjoni taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, fosthom li jekk verament kien hemm tortura u maltrattament dan ġie mwettaq mill-awtoritajiet Libjani u mhux minn dawk Maltin u l-fatt li l-appellanti daħlu Malta abbużivament u illegalment u għalhekk il-Gvern Malti kellu kull dritt ikeċċihom u r-rikorrenti naqsu jitolbu l-ażil jew jappellaw l-ordni ta' tneħħija, apparti li l-kumpens ordnat jinkoraġġixxi l-immigrazzjoni illegali u l-fabbrikazzjoni ta' allegazzonijiet ta' tortura u maltrattament u fi kwalunkwe każ l-ewwel Qorti kellha tiddistingwi bejn iċ-ċirkostanzi taż-żewġ rikorrenti fejn Abdul Hakim Hassan Abdulle ma ressaq l-ebda prova ta' maltrattament jew tortura u telaq minn Malta mingħajr ma żamm ebda kuntatt mal-avukat tiegħu f'Malta u b'hekk wera li ma kienx għadu interessat fil-kawża.

**<u>Ir-risposta tar-rikorrenti appellati Abdul Hakim Hassan Abdulle u Kasin Ibrahim Nur</u>**

**13.** Fir-risposta tagħhom tat-30 ta' Diċembru 2011 ir-rikorrenti appellati wieġbu għar-rikors tal-appell billi ssottomettew li għar-raġunijiet minnhom mogħtija fir-risposta tagħhom is-sentenza appellata kienet ġusta u timmerita konferma *in toto*:

1) Għar-rigward tal-ewwel aggravju l-appellati, apparti li jagħmlu konsiderazzjonjiet oħra, isostnu li wara rikors tagħhom quddiem l-ewwel Qorti għall-korrezzjoni tal-okkju tas-sentenza, liema rikors ma ġiex oppost mill-avukat tal-kontropartijiet, dik il-Qorti permezz ta' digriet tal-21 ta' Diċembru 2011 (li kopja tiegħu ġie anness mar-risposta tagħhom għall-appell) kienet laqgħet it-talba;

2) in konnessjoni mat-tieni aggravju li jolqot l-eċċezzjoni tal-illeġittimita` tal-persuna tal-Ministru, l-appellati jsostnu li l-ilmenti tagħhom huma kollha marbutin

mal-fatt li ma ngħatawx l-opportunita` japplikaw għall-asil skont il-Kap. 420 u li ġew deportati lejn post li ma kienx *a safe country* fejn sfaw vittmi ta’ trattament inuman u degradanti meta l-entitajiet li setgħu jinfluwixxu fuq id-determinazzjoni li persuna tingħata l-i*status* ta’ refuġjat jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru tal-Ġustizzja; dan apparti wkoll li l-Ministeru huwa responsabbbli għall-immigrazzjoni u għall-asil u għandu rwol ferm importanti fil-proċedura għar-rikonoxximent ta’ individwi li għandhom bżonn ta’ protezzjoni internazzjonali taħt il-Kap. 420 u huwa l-istess Ministru li kellu s-setgħa u d-dmir li jara’ li r-rikorrenti jkollhom rimedju effettiv għal-lanjanzi tagħhom u li ma jintbagħtux lejn il-Libja fejn jiġu esposti għar-riskju ta’ tortura u ta’ trattament inuman u degradanti;

3) dwar it-tielet aggravju li jikkonċerna l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta’ eżawriment ta’ rimedji ordinarji, l-appellati, apparti diversi konsiderazzjonijiet oħra li x’aktarx jinċidu aktar fuq il-mertu tar-rikors milli fuq l-eċċezzjoni nfisha ta’ nuqqas ta’ leġittimita` passiva, jagħmlu riferenza għal dak li ingħad fis-sentenza ta’ din il-Qorti tal-24 ta’ Mejju 2004 fl-ismijiet **Raymond Vella et v. Kummissarju tal-Artijiet** fejn ġie ritenut li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili f’din il-materja ħlief f’każijiet fejn dik il-Qorti tkun manifestament u grossolanament żbaljat fl-użu ta’ dik id-diskrezzjoni;

4) inkwantu għar-raba’ aggravju li ma kien hemm ebda ħjiel ta’ informazzjoni uffiċjali li l-Libja kien pajjiż perikoluż fejn ma setgħux jintbagħtu immigranti illegali, l-appellati jsostnu li mid-dokumenti minnhom preżentati, anki dawk biss datati qabel ma ġew rimossi minn Malta lejn il-Libja, ġie pruvat li t-trattament li l-awtoritajiet Libjanu kienu jagħtu lil immigranti Somali u Eritrej kien imur kontra d-drittijiet internazzjonali tal-bniedem u li l-Libja kienet indikata minn diversi għaqdiet internazzjonali bħala Stat fejn ir-Renju tad-Dritt ma kienx jeżisti u fejn l-i*status* ta’ refuġjat ma kienx imħares;

5) dwar il-ħames aggravju li jirrigwarda s-sejbien ta’ vjolazzjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni, l-appellanti jirrimettu ruħhom għas-sottomissjonijiet tagħhom bil-

miktub fl-ewwel istanza dwar dan l-ilment u għall-fatti miġjuba minnhom fl-appell biex jirribattu t-tieni u t-tielet aggravju tal-appellanti u jinsistu li l-mod kif saret id-deportazzjoni huwa bi ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni għaliex ma ngħatawx il-possibilita` li japplikaw għall-asil u l-anqas ingħataw il-possibilita` jikkontestaw fil-qrati ordinarji id-deportazzjoni tagħhom;

6) finalment dwar is-sitt aggravju, li si tratta mill-kumpens ordnat mill-ewwel Qorti, l-appellati jinsistu fuq id-diskrezzjoni wiesgħa li għandha l-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali meta tiġi biex tagħti rimedju għall-vjolazzjoni identifikata, speċjalment fid-dawl tat-talba tagħhom sabiex il-Qorti tagħti r-rimedji kollha meħtieġa u neċessarji sabiex jiġu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tagħhom fejn il-Qorti ma setatx ma tagħtix rimedju pekunjarju u dan fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja.

**<u>Fatti tal-kawza</u>**

**14.** Ir-rikorrenti li huma ta' oriġini Somala u l-fatti allegati minnhom huma kif ġej. Jgħidu li kienu marru l-Libja u minn hemm, flimkien ma' tlieta u għoxrin (23) persuna oħra, qasmu l-Mediterran u waqt li kienu fi triqthom, fl-1 ta' Ottubru 2004 inġabru minn *patrol boat* tal-gwardja kostali ta' Malta u ttieħdu d-*depot* tal-Pulizija fejn itteħdulhom ir-ritratti u l-impronti diġitali tagħhom u kull wieħed ingħata numru mill-pulizija tal-immigrazzjoni; Abdul Hakim Hassan Abdulle ingħata n-numru 04 OO 007 waqt li Kasim Ibrahim Nur ingħata n-numru 04 OO 006. Ir-rikorrenti jgħidu wkoll li nformaw lill-pulizija li kienu mis-Somalja u li kienu telqu mil-Libja. Iżidu li ma ngħatawx applikazzjoni għal asil u anqas ġew informati li setgħu jagħmlu applikazzjoni bħal dik. Huma nżammu detenuti sakemm fil-21 ta' Ottubru 2004, flimkien ma' dawk kollha fosthom li kellhom in-numri minn 04 OO 005 sa 04 OO 010, ġew ordnati jiġbru ħwejjiġhom, ġew immanettjati u ttellgħu ġo xarabank tal-pulizija mingħajr ma ngħataw informazzjoni dwar fejn kienu ser jittieħdu. Meta kienu fi triqthom, iżda, indunaw li kienu sejrin fid-direzzjoni tal-Ajruport u meta saqsew lill-pulizija li kienu jeskortawhom fejn kienu sejrin,

hemmhekk ġew informati li kienu ser jittieħdu l-Libja. Huma pprotestaw li ma riedux imorru l-Libja u ppruvaw jirreżistu li jinżlu mix-xarabank iżda billi kienu mmanettjati tnejn, tnejn, ir-reżistenza ma swiet għal xejn. Wara li ġew mġiegħla jinżlu mix-xarabank ir-rikorrenti appellati u l-immigranti l-oħra ttellgħu ġo ajruplan kummerċjali, dejjem immanettjati.

**15.** Mal-wasla tagħhom fil-Libja huma ġew konsenjati lill-awtoritajiet Libjani li għammduhom u qiegħduhom ġo vettura. Meta waslu fid-destinazzjoni tagħhom fil-Libja tqiegħdu wiċċhom mal-ħajt u allegatament ġew imsawwta b'injama. Imbagħad tqiegħdu ġo ċelel żgħar li kellhom biss saqqu żgħir. Setgħu jmorru l-kamra tal-banju darbtejn biss kuljum u għal mhux aktar minn tliet minuti. Ġie allegat li kemm damu f'dawn iċ-ċelel kienu jiġu msawwta u maltrattati kuljum.

**16.** Wara sebat ijiem ittieħdu f'ħabs għal immigranti illegali fi Tripli fejn inżammu għal ħdax-il jum ieħor u minn hemm ittieħdu f'ħabs ieħor. Hawnhekk ittellgħu l-qorti mingħajr assistenza ta' avukat u mingħajr is-servizz ta' interpretu b'mod li r-rikorrenti ma setgħu jifhmu xejn ħlief li kienu ser jinżammu l-ħabs għal sena bħala immigranti illegali. Waqt li kienu l-ħabs ir-rikorrenti jallegaw li ġew maltrattati u torturati b'xokkijiet elettriċi, swat, u daqqiet ta' sieq. Il-kundizzjonijiet fil-ħabs kienu ħżienza b'iffullar, kundizzjonijiet sanitarji ħżiena, u nuqqas ta' ventilazzjoni.

**17.** Xi sena wara, ir-rikorrenti u l-immigranti li kienu telqu minn Malta ttieħdu fid-deżert u ġew abbandunati hemm. Peress li ma kienux jafu x'jaqbdu jagħmlu ddeċidew li jsegwu l-marki li ħallew it-*tyres* tal-vettura li kienet wasslithom fid-deżert u imbagħad telqet minn fuq il-post mingħajrhom. Eventwalment ir-rikorrenti ltaqgħu ma' numru ta' nomadi li tawhom x'jieklu u x'jixorbu u ħaduhom f'Kufra fil-Libja u eventwalment minn hemm marru Tripli. Hemmhekk reġgħu sabu li ħajjithom kienet diffiċli u għalhekk iddeċidew li jirritornaw Malta b'dgħajsa fejn waslu għat-tieni darba fit-23 ta' Ġunju 2006.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

***L-iżball fl-okkju tas-sentenza***

**18.** Fl-ewwel "aggravju", jew aħjar kweżit, tal-appellanti jissemma li fl-okkju tas-sentenza sar żball għaliex l-isem ta' wieħed mir-rikorrenti ġie indikat erronjament bħala "Kassin" meta kellu jkun "Kassim" u għalhekk l-appellanti stiednu lill-Qorti teżamina jekk konsegwenza ta' dan is-sentenza appellata kinitx nulla.

**19.** Il-fatt biss li l-appellanti, għalkemm taħt l-intestatura ta' "L-ewwel aggravju", ma mpostawx din il-kwistjoni bħala aggravju iżda biss bħala kweżit indirizzat lejn il-Qorti biex tirrisolvih kif jidhrilha hi huwa suffiċjenti sabiex dan "l-aggravju" jiġi miċħud peress li din il-Qorti mhux qegħdha biex twieġeb għad-domandi li jsirulha mill-partijiet iżda biex tiddeċiedi dwar il-kontroversji ta' bejniethom.

**20.** B'danakollu, il-kwistjoni tan-nullita` tas-sentenza appellata minħabba li ma ngħatatx fil-konfront tal-persuni li kienu l-partijiet fl-ewwel istanza -- għaliex għal dan tammonta l-kwistjoni sollevata mill-appellanti -- hija materja ta' ordni pubbliku u għalhekk din il-Qorti ser tindirizzha *ex officio*.

**21.** Apparti li l-allegat żball fil-mod kif inkiteb isem wieħed mill-appellati jidher li kien sempliċement *lapsus calami* li ma jħalli ebda dubbju dwar l-identita` tal-persuna inkwistjoni, jibqa' wkoll fatt li b'rikors tal-appellati tal-20 ta' Diċembru 2011 quddiem l-ewwel Qorti l-istess appellati, għat-tenur tal-Artikolu 825(2) tal-Kap. 12, talbu l-korrezzjoni opportuna fl-okkju tas-sentenza appellata liema talba ġiet milqugħa mill-ewwel Qorti wara li l-intimati appellanti permezz tal-konsulent legali tagħhom fil-21 ta' Diċembru 2011 taw il-*visto* tagħhom u ddikjaraw li ma jopponux it-talba għalkemm bis-salvagward li jibqa' impreġudikat ir-rikors tal-appell tagħhom. Inoltre, jirriżulta li l-okkju tas-sentenza ġie konsegwenzjalment korrett u tirriżulta fil-proċess kopja tas-sentenza appellata bl-okkju korret ffirmata *di proprio pugno* mill-Imħallef li ppresjeda fl-ewwel istanza. Għalhekk l-allegat żball li ġie indikat mill-

appellanti ma jeżistix peress li ġie korrett u għaldaqstant ma hemm ebda nullita`.

***L-illeġittimita` tal-persuna tal-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern***

**22.** Fit-tieni aggravju tagħhom l-appellanti jinsistu li l-eċċezzjoni tagħhom tal-illeġittimita` tal-persuna tal-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern kellha tintlaqa' mill-ewwel Qorti peress li l-ġudizzju kien għal kollox integru bil-preżenza biss tal-Kummissarju tal-Pulizija.

**23.** L-appellanti għandhom raġun f'dan l-aggravju. L-Artikolu 181B. tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) jagħmilha ċara li l-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja inkwistjoni. Fil-każ tal-lum, il-materja inkwistjoni, kemm bħala liġi kif ukoll in vista ta' kif svolġew il-fatti tal-każ, kien inkarigat minnha esklussivament il-Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni li għalhekk skont l-artikolu msemmi għandu jirrappreżenta lill-Gvern f'din l-azzjoni.

**24.** Huwa minnu li d-dekasteru tal-pulizija jaqa' fil-mansjonijiet tal-Ministru tal-Ġustizzja u Intern u li dan huwa responsabbli għall-immigrazzjoni u għall-asil u għandu rwol importanti fil-proċedura għar-rikonoxximent ta' individwi li jfittxu l-asil u setgħat u dmirijiet oħra konsegwenzjali, iżda minkejja dan il-liġi trid li fl-azzjoni relevanti l-Gvern għandu jkun rappreżentat minn ħadd iżjed ħlief mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja inkwistjoni, u fl-azzjoni odjerna dan huwa l-Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni.

**25.** Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi milqugħ.

***L-eżawriment ta' rimedji ordinarji***

**26.** Fit-tielet aggravju tagħhom l-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti messha ddeklinat mill-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha għaliex ir-rikorrenti kellhom rimedji ordinarji biżżejjed tajba u effettivi sabiex iħarsu u jwettqu d-drittijiet fundamentali tagħhom iżda huma għażlu li ma jirrikorrux għal dawn ir-rimedji qabel intavolaw l-azzjoni kostituzzjonali tagħhom.

**27.** Il-prinċipji applikabbli meta l-Qorti tiġi biex tiddeċiedi jekk l-individwu għandux jew kellux disponibbli għalih rimedji ordinarji effettivi sabiex jindirizzaw l-ilment tiegħu ġia` ġew stabbiliti mill-Qrati[2] u għalhekk ma hux il-każ li jiġu hawn ripetuti.

**28.** Tiddeklinax jew le l-Qorti mill-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha fejn tkun tal-fehma li l-individwu li jilmenta jkun naqas milli jagħmel użu minn rimedji ordinarji li bihom l-ilmenti tiegħu setgħu jiġu indirizzati b'mod adegwat, effettiv u sħih, hija materja fid-diskrezzjoni ta' dik il-Qorti[3]. Ġia` ġie ritenut li din il-Qorti bħala prinċipju ma tiddisturbax l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni msemmija tal-Qorti tal-ewwel grad ħlief jekk jirriżultaw raġunijiet serji u gravi ta' illegalita` jew ta' ġustizzja jew ta' żball manifest li jiġġustifikaw l-intervent ta' din il-Qorti[4]. Dan japplika b'akbar saħħa fejn il-Qorti tal-ewwel grad tkun eżerċitat id-diskrezzjoni msemmija billi tirrifjuta li tiddeklina mill-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni kostituzzjonali vestita fiha bil-Kostituzzjoni. Din il-Qorti eżaminat akkuratament ir-raġunijiet mogħtija mill-ewwel Qorti li wassluha sabiex teżerċita d-diskrezzjoni tagħha bil-mod li għamlet u ma ssib ebda raġuni serja u gravi ta' illegalita`, ta' ġustizzja jew ta' żball manifest li jiġġustifikaw lil din il-Qorti tiddisturba l-mod kif ġiet eżerċitata dik id-diskrezzjoni tenut kont tal-materja quddiemha u tal-fattispeċi partikolari ta' dan il-każ. Anzi, din il-Qorti ssib li l-mod kif l-ewwel Qorti eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha fiċ-

---

[2] Q. Kost. **Mouwafak Toutoungi et v. Kummissarju tal-Pulizija et.**, 25/11/ 2011, #14, u s-sentenzi li għalihom hemm riferenza

[3] Kostituzzjoni Art. 46(2) proviso

[4] Q. Kost. **Mouwafak Toutoungi et v. Kummissarju tal-Pulizija et.**, 25/11/2011 #19, u s-sentenzi li għalihom hemm riferenza

ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ kien wieħed ferm raġjonevoli u kien dak indikat għall-fattispeċi tal-każ.

**29.** Għalhekk, dan l-aggravju wkoll qiegħed jiġi respint.

***Allegati vjolazzjonijiet tal-Artikoli 3 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni***

*Prinċipji*

**30.** Il-prinċipji applikabbli f'każijiet ta' din ix-xorta ġia` ġew puntwalizzati riċentement fis-sentenza ta' din il-Qorti fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **Dilek Sahan et. V. Il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern**[5]. Dawk saljenti u rilevanti għall-fattispeċi ta' dan il-każ huma dawk segwenti.

**31.** Taħt il-Konvenzjoni u l-Protokolli tagħha ma jeżisti ebda dritt għal ażil politiku. B'danakollu t-tneħħija ta' persuna tagħti lok għal kwistjoni taħt l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni meta jintwerew raġunijiet sostanzjali sabiex wieħed jemmen li dik il-persuna jekk tiġi espulsa tirrinfaċċja riskju reali li tiġi assoġġettata għal trattament kontra l-Artikolu 3. F'każ bħal dan ikun hemm l-obbligu li dik il-persuna ma tiġix espulsa. L-Artikolu 3 huwa assolut u ma hux possibbli li r-riskju ta' trattament ħażin jiġi bilanċjat mar-raġunijiet miġjuba 'l quddiem għall-espulsjoni. L-apprezzament ta' hemmx raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen li persuna tirrinfaċċja r-riskju reali msemmi jirrikjedi li l-Qorti tevalwa l-kundizzjonijiet fil-pajjiż fejn ser jintbaghat skont il-kejl tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Dak il-kejl jirrikjedi li t-trattament ħażin li tirrinfaċċja l-persuna jrid jilħaq grad minimu ta' severita` sabiex jidħol fil-parametri tal-Artikolu 3 imsemmi. Għall-għan ta' dan l-apprezzament irid jittieħed qies taċ-ċirkostanzi kollha. Minħabba n-natura assoluta tad-dritt imħares, l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jista' japplika wkoll fejn il-perikolu jkun ġej minn persuni jew gruppi ta' persuni li ma jkunux uffiċjali pubbliċi. B'danakollu jrid jintwera li r-riskju hu wieħed reali u li l-

[5] Q. Kost 22/2/2013

awtoritajiet tal-Istat li ser jirċievi l-persuna relevanti ma humiex kapaċi jinnewtralizzaw ir-riskju billi jipprovdu protezzjoni xierqa. L-eżami li teħtieġ tagħmel il-Qorti sabiex tikkonstata jkunx hemm ir-riskju msemmi jrid ikun wieħed rigoruż iżda fil-prinċipju spetta lill-persuna konċernata li tipprova li tkun ser tirrinfaċċja dak ir-riskju fil-pajjiż fejn tkun ser tintbagħat. Il-possibilita` ta' trattament ħażin minħabba s-sitwazzjoni instabbli fil-pajjiiż riċevent ma twassalx fiha nfisha għal vjolazzjoni tal-Artikolu 3.

**32.** Sabiex tiddeċiedi jekk hemmx riskju ta' trattament bi vjolazzjoni tal-Artikolu 3 il-Qorti trid teżamina l-konsegwenzi prevedibbli tal-fatt li r-rikorrent jintbagħat lura f'pajjiżu meħud kont tas-sitwazzjoni ġenerali f'dak il-pajjiż u ċ-ċirkostanzi personali tiegħu. Fil-prinċipju spetta lir-rikorrent li jipproduċi provi tar-riskju ta' maltrattament jekk jiġi ritornat iżda meta jiġu prodotti tali provi l-piż li jiġi eliminat kull dubbju dwarhom jaqa' fuq l-iStat[6]. F'każijiet fejn jiġi allegat li l-persuna tappartjeni għal xi grupp li sistematikament jiġi espost għal maltrattament, tiskatta l-protezzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni meta r-rikorrent jirnexxilu juri li hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen fil-prattika inkwistjoni u li hu jappartjeni għall-grupp konċernat[7].

**33.** Dwar id-data relevanti li għandha tittieħed in konsiderazzjoni sabiex issir evalwazzjoni tal-eżistenza *o meno* tar-riskju ta' maltrattament dan għandu jsir b'riferenza għal dawk il-fatti li kienu magħrufa jew li messhom kienu magħrufa lill-iStat fid-data tat-tneħħija tal-individwu[8].

*Applikazzjoni tal-prinċipji msemmija għall-każijiet tal-appellati*

**34.** Ir-raba' aggravju tal-appellanti fil-mertu tal-allegazzjoni tal-appellati ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jikkonsisti filli l-appellanti jsostnu li ma kien hemm ebda tali ksur u d-

---

[6] ECHR **Makhmudzhan Ergashev v. Russia**, 16/10/2012 #66;
[7] *Ibid* #68
[8] ECHR GC **Hirsi Jamaa and others v. Italy**, 23/2/2012 #121.

deċiżjoni appellata kienet riżultat ta' apprezzament żbaljat tal-provi peress li fil-perjodu relevanti meta r-rikorrenti ġew ritornati lejn il-Libja ma kienx hemm informazzjoni uffiċjali magħrufa, ċerta u konklussiva li l-Libja kien pajjiż perikoluż fejn ma setgħux jintbagħtu immigranti illegali. L-appellanti sostnew ukoll li ma nġiebet ebda prova li l-appellati tassew batew it-tortura u li ġew maltrattati fil-Libja.

**35.** Dwar din ix-xorta ta' aggravju l-Qrati diversi drabi saħqu li l-Qorti tat-tieni grad, bħala qorti ta' reviżjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti ħlief fejn dak l-apprezzament ikun manifestament żbaljat b'mod li jkun ser iwassal għal amministrazzjoni palesament ħazina tal-ġustizzja.

**36.** Dwar l-allegazzjoni li l-appellati ma rnexxilhomx jippruvaw li sofrew tortura u maltrattament meta kienu fil-Libja wara li ġew ritornati f'dak il-pajjiż mill-awtoritajiet Maltin jirriżulta li l-uniċi provi prodotti tal-allegat tortura u maltrattament huwa l-affidavit tar-rikorrent Kasim Ibrahim Nur peress li l-ewwel Qorti kienet ordnat l-isfilz tal-affidavit tar-rikorrent l-ieħor Abdul Hakim Hassan Abdulle għaliex dan ma kienx rintraċċabbli, ma setax jiġi prodott għall-kontroeżami, ma żammx kuntatt mal-avukat tiegħu u qatt ma deher f'dawn il-proċeduri.

**37.** Ċertament mill-affidavit tal-imsemmi Kasim Ibrahim Nur jirriżultaw allegazzjonijiet ta' għemil da parti ta' uffiċjali Libiċi waqt li kien jinsab detenut minnhom wara li ġie ritornat il-Libja mill-awtoritajiet Maltin li ma jistax jiġi kwalifikat ħlief bħala tortura u trattament inuman u degradanti. Di fatti fl-affidavit tiegħu Nur jgħid li meta kien f'idejn l-awtoritajiet Libjani huwa ġie msawwat b'injama tant li kien intilef minn sensieh, tqiegħed f'ċella żgħira attrezzata biss b'saqqu, b'faċilitajiet sanitarji ferm limitati, ġie msawwat ripetutament bil-lejl, ġie msawwat fuq is-swaba ta' jdejh, fuq rasu u fuq widnejh. Wara ttieħed Fallah f'ħabs għal immigranti illegali u minn hemm f'ħabs ieħor. Huwa kellu jagħmel sena fil-ħabs bħala immigrant illegali u tul dan iż-żmien isosnti li baqa' jiġi torturat, jingħata xokkijiet elettriċi, imsawwat u mogħti bis-sieq.

Iddeskriva wkoll il-kundizzjonijiet ħżiena ambjentali tal-ħabs b'*toilet* u *shower* għal ħamsin (50) persuna, mingħajr twieqi, infestazzjoni ta' wirdien u ġrieden u ikel ħażin.

**38.** Huwa minnu li, kif jgħidu l-appellati, ma jistax jingħad li l-appellant Nur ipproduċa xi provi li jikkorraboraw ix-xhieda tiegħu (apparti dak li ser jingħad aktar tard f'din is-sentenza dwar dak li jirriżulta min-numru ta' dokumenti esebiti), iżda huwa veru wkoll li meta ġie kontroeżaminat ix-xhieda tiegħu dwar ix-xorta ta' trattament li kien irċieva fil-Libja ftit li xejn ġiet kontrastata mill-appellanti. Ix-xhud, di fatti ma ġiex rinfaċċjat bid-diffikultajiet li l-appellanti qegħdin illum jissollevaw biex jimpunjaw il-kredibilita` tiegħu sabiex dan ikun jista' jwieġeb għalihom. Hekk, per eżempju, ma ġiex mistoqsi għaliex ma pproduċiex xi rapport mediku, jew xi ritratti ta' marki jew feriti li seta' ġarrab, jew xi rapport ta' psikjatra dwar saħħtu mentali. Kieku ġie hekk mistoqsi seta' jagħti t-tweġiba tiegħu li mbagħad kienet tkun soġġetta għall-apprezzament ta' din il-Qorti. Anqas saret xi talba da parti tal-appellanti sabiex l-appellat Nur jiġi eżaminat minn esperti mediċi, forensiċi jew psikjatriċi sabiex permezz tagħhom ikunu jistgħu jiġu kontrollati u verifikati l-allegazzjonijiet tal-appellat Nur. Għalhekk din il-Qorti jkollha tikkonkludi li dawk l-allegazzjonijiet ma kienux qegħdin jiġu kontestati mill-intimati appellanti.

**39.** Anqas ma tara' xejn inverosimili f'dak li jirrakkonta l-appellat Nur li huwa flimkien ma' oħrajn ġew abbandunati fid-deżert fejn ġew salvati min-numru ta' nomadi. Dwar id-domanda tal-appellanti għaliex, jekk kienu ġew torturati fil-Libja, l-appellat Nur u dawk li kienu miegħu reġgħu daħlu lura fil-Libja wara li kienu ġew abbandunati fid-deżert, irid jingħad li ma jidhirx li r-rikorrenti u min kien magħhom kellhom alternattiva oħra. Jidher li l-uniku mod biex jorjentaw ruħhom fid-deżert kien billi jsegwu t-traċċi tat-*tyres* tal-vettura wara li ħelliethom fid-deżert u għalhekk b'dan il-mod ma setgħux ħlief jispiċċaw lura fil-Libja, bid-differenza li tal-anqas issa ma kienux għadhom detenuti mill-awtoritajiet Libiċi li x'aktarx ma kienx faċli għalihom li jintebħu bil-preżenza lura fil-Libja tar-rikorrent Nur u min kien miegħu.

**40.** Inkwantu għar-rikorrent l-ieħor Hassan Abdulle, iżda, l-appellanti għandhom raġun li, wara l-isfilz tal-affidavit tiegħu, ma baqa' ebda prova ta' dak minnu allegat dwar it-trattament li allegatament ingħata fil-Libja. Huwa minnu li fl-affidavit tiegħu l-appellant Nur jitkellem fil-plural iżda, tenut kont tal-fatt li kien hemm immigranti illegali oħra miegħu apparti r-rikorrent Hassan Abdulle u fl-affidavit tiegħu l-appellat Nur ma hux biżżejjed speċifiku dwar l-identita` tal-persuni l-oħra, oltre li anqas jirriżulta ċar kienx qiegħed jirrakkonta fatti li ra b'għajnejh jew kienx qiegħed jirrakkonta dak li sema' mingħand ħaddieħor, il-Qorti hi tal-fehema li l-appellat Hassan Abdulle b'ebda mod ma rnexxilu jipprova li huwa ġie torturat jew maltrattat fil-Libja.

**41.** Din il-parti tal-aggravju fejn si tratta tat-trattament li l-appellati rċevew fil-Libja qiegħed għalhekk jiġi respint safejn jikkonċerna lill-appellat Kasim Ibrahim Nur iżda qiegħed jintlaqa' għar-rigward tal-appellat l-ieħor Abdul Hakim Hassam Abdulle.

**42.** Jibqa' l-parti l-oħra ta' dan l-aggravju fejn qiegħed jiġi sostnut li fil-perjodu relevanti meta r-rikorrenti ġew ritornati lejn il-Libja ma kienx hemm informazzjoni uffiċjali magħrufa, ċerta u konklussiva li l-Libja kien pajjiż perikoluż fejn ma setgħux jintbagħtu immigranti illegali.

**43.** L-appellanti josservaw li d-dokumenti li fuqhom straħu l-appellati sabiex juru li l-Gvern Malti kien jaf jew messu kien jaf li jekk jirritornhom lejn il-Libja kien qiegħed jesponihom għar-riskju reali ta' tortura u trattament inuman jew degradanti ma ġewx debitament awtentikati skont il-liġi. Dan huwa minnu. Din il-Qorti, iżda, ġia` kellha okkażjoni tistqarr li, tenut kont tan-natura tal-azzjoni odjerna u tal-ilmenti li qed jinġiebu 'l quddiem permezz tagħha, minkejja li rigward ċerti provi dokumentali prodotti ma tkunx saret prova sħiħa tal-awtentiċita` tagħhom kif normalment tirrikjedi l-liġi ta' proċedura u ta' evidenza, din il-Qorti ma hix lesta li għar-raġuni mogħtija mill-appellanti tirrispinġi dokumenti bħal dawk li għalihom jagħmlu riferenza sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji li

jiġġustifikawha tagħmel hekk[9]. Fil-każ tal-lum tali raġunijiet serji ma jirriżultawx u anqas sar xi tentattiv sabiex l-appellanti juru li l-istess dokumenti ma humiex awtentiċi.

**44.** Din il-Qorti, għalhekk, ser teżamina d-dokumenti li ġew esebiti mir-rikorrenti appellanti u tasal għall-konklużjonijiet tagħha dwar dak li jirriżulta minnhom.

**45.** Id-Dokument HH1 jikkonsisti f'dikjarazzjoni bil-miktub sottomessa mill-*International Federation of Human Rights Leagues* (FIDH) li hija għaqda mhux governattiva li għandha *status* konsultattiv fuq l-*Economic and Social Council* (ECOSOC) tan-Nazzjonijiet Uniti. F'din id-dikjarazzjoni jingħad li fil-Libja jsir użu mifrux tat-tortura u ta' trattamenti kiefra, inumana u degradanti. Waqt li l-apparat ta' Sigurta` jaġixxu fid-diskrezzjoni tagħhom stess u ma jagħtux kont ta' għemilhom. Jiżdied li din is-sistema tiġġenera u tippermetti l-maltrattament u t-tortura fit-tul u mingħajr possibilita` ta' rimedju. Tgħid ukoll li ħafna detenuti mietu waqt li kienu fil-kustodja fl-aħħar snin minħabba tortura u maltrattament u kundizzjonijiet iebsa fil-ħabs.

**46.** Fl-istess dikjarazzjoni (fol. 131) ssir riferenza għall-osservazzjonijiet konklużivi tal-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Tortura li l-Qorti setgħet tikkonferma li fiha jingħad dak allegat fid-dikjarazzjoni. L-allegazzjonijiet ta' tortura riċevuti mill-Kumitat Kontra t-Tortura, iżda, ma jirriżultax li sa dak iż-żmien kienu ġew konfermati mill-istess Kumitat.

**47.** Fid-dikjarazzjoni jissemmew ukoll (fol. 132) ir-ritorn furzat ta' refuġjati Libjani minn pajjiżi ġirien u li dawn ġew rapportati li kienu ġew detenuti, insultati u torturati u li tliet ċittadini Libjani sparaw fuqhom appena waslu l-Libja kif ukoll li f'Settembru Ottubru 2000 kien hemm rapporti ta' atti ta' vjolenza kontra barranin fil-Libja li wasslu għall-mewt ta' sitt (6) persuni u li kienu nqatlu bejn mija (100) u mija u ħamsin (150) persuna.

---

[9] Ara Q. Kost. **Dilek Sahan et. V. Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern et.**, 22/2/2013 #22.

**48.** Mill-istess dokument jidher li din id-dikjarazzjoni kienet ġiet ċirkolata mal-membri tal-Kunsill. Hemm erbgħa u ħamsin (54) Stati membri tal-ECOSOC u dawn jiġu eletti fuq bażi ġeografika kull tliet (3) snin bil-perjodi jirkbu wieħed fuq l-ieħor. Ma jirriżultax jekk Malta kinitx membru tal-ECOSOC fl-2003 meta saret is-sessjoni li fiha ġiet ċirkolata din id-dikjarazzjoni. Anqas jirriżulta jekk din id-dikjarazzjoni kellhiex ċirkolazzjoni aktar wiesgħa milli fost l-iStati Membri tal-ECOSOC u organiżżazzjonijiet non-governattivi osservaturi fl-istess Kunsill.

**49.** L-allegazzjonijiet imsemmija fid-dikjarazzjoni ma jirriżultax li sa dak iż-żmien kienu ġew verifikati u konfermati min-Nazzjonijiet Uniti jew minn xi għaqda oħra internazzjonali jew reġjonali.

**50.** Dokument ieħor esebit huwa dak Dok. HH2 (fol. 134) li jikkonsisti f'*Country Operations Plan* maħruġ mill-United Nations High Commissioner for Refugees (UNHCR) għal-Libja tas-sena 2004. F'dan id-dokument jingħad (fol. 135), fost affarijiet oħra, li bl-iżviluppi li kienu qegħdin isiru fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom fl-aħħar snin kienu jeżistu prospetti, li kienu qed jiġu esplorati, sabiex persuni ta' oriġini Somala jkunu jistgħu jirritornaw f'pajjiżhom u dan *"despite the relatively attractive economic opportunities that are existing in Libya."* Fir-rapport jingħad ukoll li hemm madwar tliet mija u ħamsin (350) persuna ta' oriġini Somala li kienu alloġġjati f'qasam provdut mingħajr ħlas mill-Gvern Libjan u li din ir-rilokazzjoni ta' refuġjati rriżultat f'titjib tremend fil-kundizzjonijiet ta' għixien u sigurta` u pprovditilhom ambjent aħjar għas-saħħa. Il-pjan ma jagħmel ebda allegazzjonijiet ta' tortura jew ta' maltrattament ta' refuġjati fil-Libja u anqas jesprimi xi tħassib dwar dan. Il-pjan jipproġetta diversi programmi u miżuri sabiex persuni li jfittxu l-ażil, refuġjati u persuni oħra li l-UNHCR hu interessat fihom jingħataw ħarsien internazzjonali, jiġu riorjentati lejn rimpatriju volontarju, indipendenza u integrazzjoni lokali.

**51.** Min jaqra' dan id-dokument ma jsib xejn fih li jagħti lok għal tħassib li refuġjati li jiġu ritornati fil-Libja ser

jirrinfaċċjaw xi riskju ta' tortura jew maltrattament; anzi, minnu jidher li persuni bħal dawn setgħu jistennew li jsibu l-assitenza tal-UNHCR u l-koperazzjoni tal-awtoritajiet Libjani appoġġjati bi strutturi u mekkaniżmi adegwati ta' appoġġ.

**52.** Mill-wiċċ tiegħu ma humiex ċari l-awtur, in-natura u l-provenjenza tad-dokument HH3 (fol-143). Fin-nota li permezz tagħha ġie esebit l-istess dokument flimkien ma' diversi dokumenti oħra dan id-dokument hu indikat bħala "*Urgent Appeal* 227/03 maħruġ minn *Amnesty International* dwar is-seba' immigranti Eritrej detenuti fil-Libja ppubblikat fil-11/08/2003". Għalkemm din id-deskrizzjoni ma ġiet konfermata minn ebda prova din il-Qorti ma għandiex raġuni tiddubita minnha u għalhekk ser tagħmel l-apprezzament tagħha tal-istess dokument bħala li hu hekk kif deskritt.

**53.** Dan id-dokument jikkonsisti f'"appell urġenti" datat 25 ta' Lulju 2003 li jidher huwa indirizzat lill-pubbliku in ġenerali sabiex jintbagħtu appelli x'aktarx lil Mu'ammar al-Gaddafi u lil Mahammad Ali al-Misrati, Segretarju tal-Kumitat tal-Poplu għall-Ġustizzja u Sigurta` Ġenerali b'kopja lil Dr. Muhammad 'Abduallah al-Harari, Segretarju għal Affarijiet Legali u Drittijiet tal-Bniedem tal-*General Peoples' Congress* tal-Libja. Jidher li kellhom ukoll jintbagħtu kopji tal-istess appell lir-rappreżentanti diplomatiċi tal-Libja akkreditati mal-Libja. Ma jirriżultax dan l-appell preċiżament lil min ġie ċirkolat u anqas jirriżulta jekk dan l-appell qattx wasal għand il-Gvern Malti. Id-dokument jittratta dwar seba' Eritrejani li kienu detenuti l-Libja u li kienu rappurtati li ser jiġu ritornati fl-Eritreja fejn setgħu jirrinfaċċjaw tortura, detenzjoni *incomunicado* mingħajr akkuża u eżekuzzjoni extra-ġudizzjarja. Fil-kumplament jagħti deskrizzjoni tas-sitwazzjoni fl-Eritreja iżda ma jgħid xejn dwar allegazzjoni ta' tortura jew maltrattament fil-Libja. Anzi, jidher li l-appell huwa fis-sens li l-istess persuni Eritrejani ma għandhomx jintbagħtu l-Eritreja fejn setgħu jirrinfaċċjaw tortura u maltrattament u kellhom jibgħu detenuti fil-Libja fejn allura, jidher li ma kienx hemm biża' għalihom ta' trattament simili u anzi l-appell jissolleċita lill-awtoritajiet Libjani sabiex il-każ

tagħhom jiġi rivedut bil-għan li jiġu rilaxxjati mid-detenzjoni u li jingħataw aċċess lil rappreżentanti tal-UNHCR bil-għan li jkunu jistgħu japplikaw għal ażil fil-Libja. Min jaqra dan id-dokument jifhem li l-UNHCR ma kellhiex biża' li dawn l-Eritrejani jekk jibqgħu l-Libja kienu ser jiġu torturati jew maltrattati.

**54.** Id-dokument HH4 (fol. 145), datat 11 ta' Awwissu 2003 jikkonsisti fi stqarrija għall-istampa minn Amnesty International x'aktarx dwar l-istess seba' Eritrejani msemmija fid-dokument preċedenti (Dok. HH3) u ma jżid xejn ma' dak li hemm f'dan l-aħħar dokument partikolarment dwar biża' ta' tortura u maltrattament fil-Libja.

**55.** Dokument ieħor huwa Dok. HH5 li jġib id-data 18 ta' Settembru 2003 li jagħti aktar informazzjoni dwar il-każ tas-seba' Eritrejani u jżid informazzjoni dwar persuna oħra Eritrejana li jidher li mietet fil-lejl ta' 16/17 ta' Settembru wara li kien rappurtat li kien ilu detenut fil-Libja għal aktar minn sena u nofs u li għalkemm kien marid serjament ma ingħatax aċċess għal kura medika. Fl-istess dokument jissemma li tlieta minn sħab il-persuna li mietet kienu pprotestaw mal-gwardji tal-ħabs u ġew imsawwta bl-aħrax u mogħtija daqqiet ta' sieq.

**56.** Għal darb'oħra ma jirriżultax dan id-dokument x'ċirkolazzjoni kellu u jekk wasalx għand il-Gvern Malti.

**57.** Id-Dok. HH6 huwa *country report* maħruġ mid-Dipartiment tal-Istat Amerikan dwar il-Libja. F'dan ir-rapport jingħad li membri tas-sigurta` jittorturaw regolarment priġunieri waqt interrogazzjoni jew bħala piena u li aġenti tal-Gvern ġew rappurtati li kienu jżommu taħt detenzjoni lil ħaddiema stranjieri li kienu jiġu wkoll torturati b'mod partikolari lil dawk minn *sub-Saharian Africa*. Ir-rapport jiddeskrivi diversi metodi ta' tortura li ġew rapportati fosthom xokkijiet bl-elettriku u li dak li jkun jiġi mdendel permezz ta' arblu tal-injam inserit bejn l-irkopptejn u l-minkbejn, u swat fil-qiegħ tas-saqajn. Jiddeskrivi wkoll inċidenti partikolari oħra fosthom il-każijiet imsemmija hawn fuq tal-Eritrejan li miet fil-kustodja

u tas-seba' Eritrejani l-oħra. Ir-rapport isemmi wkoll li l-kundizzjonijiet fil-ħabs kienu rapportati li kienu ħżiena u li skont Amnesty International priġunieri politiċi kienu jinżammu f'kundizzjonijiet kiefra, inumani u degradanti u mċaħħda minn kura medika u dan kien wassal għal diversi każijiet ta' mewt fil-kustodja. Fi tmiem ir-rapport issir kjarifika li l-Istati Uniti ma għandhiex preżenza uffiċjali fil-Libja u li l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kienet limitata u li r-rapport kien jistrieħ ħafna fuq għejjun li ma kienux tal-Gvern Amerikan.

**58.** Id-dokument HH7 huwa artikolu li jġib id-data tal-15 ta' Settembru 2004 miktub mid-Direttur Eżekuttiv tal-għaqda mhux governattiva *Human Rights Watch* li fih jingħad li persuni internati u immigranti qegħdin jiġu detenuti f'kundizzjonijiet mill-agħar u li l-Libja tkompli forzatament tiddiporta refuġjati Eritrejani lejn l-Eritreja fejn jirrinfaċċjaw l-arrest, detenzjoni illegali u tortura.

**59.** Hemm imbagħad id-dokument HH8 li jikkonsisti f'rapport tal-għaqda mhux governattiva *Amnesty International* dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-Libja pubblikat f'April 2004 wara mawra fil-Libja fi Frar 2004.

**60.** Filwaqt li dan ir-rapport jirrileva numru ta' miżuri li ttieħdu fil-Libja biex jitħarsu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem f'dak il-pajjiż, l-istess rapport jgħid li l-awtoritajiet Libjani fl-aħħar snin kienu bħala rutina jiksru l-i*standards* internazzjonali u s-salvagwardji legali dwar l-arrest u detenzjoni u detenzjoni fit-tul *incommunicado* b'riskju ta' tortura u maltrattament. Ħlief għall-każ ta' seba' Eritrejani li jidhru huma l-istess persuni msemmija fid-dokumenti HH3 u HH4 li jikkonfermaw l-allegazzjonijiet li saru fid-dokumenti msemmija, u mewt ta' Eritrejan ieħor fil-kustodja li kien marid u allegatament ma ngħatax kura medika, ir-rapport ma jidhirx li fih allegazzjonijiet oħra ta' tortura u maltrattament speċifikatament ta' persuni li jfittxu l-asil. Mill-istess rapport, iżda, jirriżulta li l-maltrattament u t-tortura kienu jintużaw ta' spiss kontra persuni detenuti, speċjalment kontra detenuti mill-awtoritajiet tas-Servizz ta'

Sigurta`, meta dawn joffru reżistenza jew jilmentaw mit-trattament li jkunu qegħdin jirċievu.

**61.** Id-dokument HH9, bid-data tat-28 ta' Lulju 2004, li huwa appell urġenti tal-*Amnesty International*, jirrapporta dwar mija u għaxar (110) persuni mill-Eritreja li tneħħew forzatament mil-Libja u ntbaghtu fl-Eritreja fejn allegatament ġew detenuti u mizmuma *incommunicado* fejn kienu fir-riskju li jiġu torturati. Dan l-appell ġie segwit bid-dokument HH10 datat 8 ta' Settembru 2004 li jagħti aktar informazzjoni dwar l-appell urġenti li ssemma u jgħid li l-awtoritajiet Libjani kienu ppruvaw jirritornaw forzatament lejn l-Eritreja sitta u sebgħin (76) Eritrejan li kienu jfitxxu l-asil iżda wħud minn dawn kienu ddirottaw l-ajruplan li fuqu kienu passiġġieri u ħaduh is-Sudan fejn ġew proċessati għad-dirottament. Jgħid ukoll li kien maħsub li n-numru ta' mija u għaxar (110) Eritrejani li kienu forzatament ritornati l-lejn l-Eritreja mill-awtoritajiet Libjani kienu qegħdin jinżammu fl-Eritreja *incommunicado* fuq il-gżira ta' Dahlak Kebir f'kundizzjonijiet ħarxa.

**62.** Ġiet esebita wkoll ittra miftuħa lill-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-Unjoni Ewropeja tal-11 ta' Ottubru 2004, Dok. HH11, l-*International Federation for Human Rights,* li hija federazzjoni internazzjonali mhux governattiva ta' għaqdiet madwar id-dinja interessati fil-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. F'din l-ittra jingħad li l-persuni li jfittxu l-asil fil-Libja ma jgawdux mill-ħarsien internazzjonali tal-Konvenzjoni ta' Ginevra tal-1951 dwar ir-Refuġjati peress li din ma ġietx ratifikata mill-Libja u ssemmi rapporti ta' persuni jfittxu l-asil li ntbagħtu lura f'pajjiżhom fejn kienu jirrinfaċċjaw tortura u maltrattament u ssemmi speċifikatament ir-ritorn forzat ta' Eritrejani li kienu ħarbu minn pajjiżhom.

**63.** Il-Qorti eżaminat ukoll id-Dok. HH12 li jikkonsisti f'rapport ta' missjoni teknika fil-Libja dwar l-immigrazzjoni illegali mill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropeja fil-perjodu mis-27 ta' Novembru 2004 sas-6 ta' Diċembru 2004. Għalkemm dan ir-rapport jirrigwarda perjodu wara li r-rikorrenti kienu ġew ritornati fil-Libja u għalhekk l-istess rapport, li jidher li ħareġ fl-2005, ma setax kien magħruf

lill-awtoritajiet Maltin meta ġraw il-fatti ta’ dan il-każ, din il-Qorti xorta dehrilha li seta’ jixħet dawl dwar is-sitwazzjoni eżistenti fil-Libja fiż-żmien relevanti peress li l-istess rapport jirrigwarda perjodu biżżejjed viċin dak hawn taħt eżami.

**64.** Ir-rapport jirrileva li l-Libja kienet qed issegwi politika ta’ ritorn u rimpatriju ta’ persuni residenti illegalment fil-Libja. Id-deċiżjoni sabiex persuna tiġi ritornata jidher li ma kinitx tieħu in konsiderazzjoni eżami dettaljat fuq livell individwali. Il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni ġew deskritti bħala estremament foqra. Jingħad li fl-2004 l-awtoritajiet Libjani kienu rrimpatrijaw mal-erbgħa u ħamsin elf (54,000) immigranti illegali ta’ diversi nazzjonalitajiet. Il-koperazzjoni mal-komunita` internazzjonali ġiet deskritta bħala limitata ferm u arranġamenti bilaterali kienu jeżistu biss mal-Italja u Malta. Ma jingħatawx wisq dettalji dwar l-arranġament ma’ Malta iżda f’anness 13 mar-rapport jingħad li l-kwistjoni tal-immigrazzjoni illegali kienet ilha tiġi diskussa f’livell politiku u tekniku għoli għal diversi xhur. L-arranġiament, li ġie deskritt bħala abbozz, kien jipprovdi għar-riammissjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi. Ma jingħad xejn dwar jekk l-arranġament kienx jipprovdi għat-trattament li kellhom jirċievu l-persuni ritornati u anqas dwar jekk kienx hemm xi projbizzjoni ta’ rimpatriju tal-persuni riammessi lejn pajjiżi f’konflitt jew fejn setgħu jirrinfaċċjaw tortura jew maltrattament (*non-refoulement*). L-uffiċċju tal-UNHCR ma kellu ebda *status* uffiċjali u għalhekk il-ħarsien internazzjonali tar-refuġjati ma kinitx assigurata. L-UNHCR ma kellux aċċess għall-postijiet ta’ detenzjoni u għalhekk ma setgħux jivverifikaw jekk fost il-persuni detenuti kienx hemm uħud li kienu jikkwalifikaw għal ħarsien internazzjonali. B’danakollu l-missjoni ġiet infurmata li t-tendenza kienet li ma jiġux ritornati immigranti illegali li oriġinaw minn pajjiżi f’kunflitt, u ssemma l-każ ta’ Darfur. L-awtoritajiet Libjani ma kienux jirrikonoxxu l-preżenza f’pajjiżhom ta’ refuġjati u persuni li jfittxu l-asil għaliex kienu jsostnu li l-immigranti f’pajjiżhom kienu kollha immigranti ekonomiċi u l-persuni li kienu joriġinaw minn pajjiżi f’konflitt ma kienux jiġu ritornati.

**65.** Fl-istess dokument ma jingħad xejn speċifiku dwar tortura fil-pajjiż.

**66.** Jiġi rilevat li jirriżulta li f'dokument datat 12 ta' April 2005 (Dok. HH14) l-għaqda Amnesty International ilmentat li r-rapport fuq imsemmi ma kienx ġie reż pubbliku.

**67.** Il-kumplament tad-dokumenti esebiti ġew pubblikati f'dati wara ż-żmien relevanti għall-każ odjern u ma jistgħux ikunu ta' siwi għall-Qorti sabiex tiddetermina x'kien magħruf jew x'seta' jkun magħruf mill-awtoritajiet Maltin fiż-żmien relevanti għall-każ tal-lum.

**68.** Mill-premess jirriżulta li mid-dokument HH2 riferibilment għas-sena hawn inkwistjoni, ċioe` l-2004, jidher li l-UNHCR ma kellhiex xi tħassib partikolari dwar ir-riskju ta' tortura jew maltrattament ta' persuni ta oriġini Somala fil-Libja jew li dawn setgħu jiġu forzatament ritornati mil-Libja għas-Somalja jew li fis-Somalja setgħu jirrinfaċċjaw xi theddia ta' tortura jew maltrattament. Minn naħa l-oħra, mid-dokumenti HH1 u HH3 sa HH11, riferibilment għall-istess żmien, jirriżulta li kien hemm tħassib serju dwar ir-riskju ta' tortura u trattament ħażin li immigranti illegali u refuġjati setgħu jirrinfaċċjaw fil-Libja. Għalkemm ma jirriżultax jekk id-dokumenti inkwisjtoni waslux għand il-Gvern Malti qabel r-rikorrenti ġew ritornati l-Libja mill-Gvern Malti u anqas jirriżulta jekk l-istess dokumenti kienux pubblikament aċċessibbli, jidher li l-Gvern Malti seta' b'mezzi diplomatiċi jew xort'oħra jottjeni aċċess għall-istess dokumenti bi ftit indaġni impenjata u determinata u b'hekk seta' jsir jaf bit-tħassib li kien jeżisti dak iż-żmien dwar is-sitwazzjoni ġenerali tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-Libja u bit-tħassib dwar ir-riskju ta' tortura u maltrattament li kienu jirrinfaċċjaw immigranti illegali u refuġjati fil-Libja u l-biża' li mil-Libja jiġu forzatament ritornati f'pajjiżhom minkejja li setgħu hemm jirrinfaċċjaw tortura u maltrattament. Tenut kont tan-natura tad-dritt hawn in kawża, u ċioe` l-ħarsien minn tortura u minn trattament inuman jew degradanti, kien mistenni mill-Gvern Malti li, fiċ-ċirkostanzi, qabel ma forzatament jirritorna lill-persuni in kwistjoni lejn il-Libja

jagħmel qabel xejn l-indaġnijiet neċessarja sabiex jistabilixxi x'kienet is-sitwazzjoni fil-pajjiż fejn kienu ser jintbagħtu u jottjeni l-assigurazzjonijiet neċessarja dwar it-trattament li kienu ser jirċievu meta jkunu lura l-Libja apparti li kien mistenni wkoll li jsiru arranġamenti sabiex ikun jista' jkompli jsegwi xi jkun qiegħed isir minnhom darba li jkunu lura fuq it-territorju tal-Libja. Ma jirriżultax li kien hemm xi ħaġa minn dan kollu.

**69.** Għalhekk il-Qorti ssib li jirriżulta li r-rikorrenti forzatament intbagħatu minn Malta għal-Libja meta l-Gvern Malti messu kien jaf li hemm dawn kienu jirrinfaċċjaw ir-riskju li jiġi torturati jew trattati inumanament jew b'mod degradanti. Irriżulta wkoll li, għalkemm ma jirriżultax li kieku jiġu rimpatrijat mil-Libja lejn is-Somalja huma kienu jirrinfaċċjaw xi riskju ta' tortura jew ta' trattament inuman jew degradanti, il-Gvern Malti messu kien jaf li fil-Libja r-rikorrenti kienu jirrinfaċċjaw ir-riskju li jiġu arbitrarjament mibgħuta fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom tenut kont tal-fatt li l-Libja ma kinitx irratifikat il-Konvenzjoni ta' Ġinevra fuq l-i*status* ta' Refuġjat, in-nuqqas ta' rikonoxximent fil-Libja tal-i*status* ta' refuġjat, in-nuqqas ta' kull forma ta' proċeduri għall-ħarsien ta' persuni li jkunu jfittxu l-asil, in-nuqqas ta' rikonoxximent uffiċjali mill-awtoritajiet Libjani tal-uffiċju tal-UNHCR, l-informazzjoni disponibbli dak iż-żmien dwar it-theddida li numru ta' Eritrejani jiġu arbitrarjament ritornati f'pajjiżhom fejn kien hemm ir-riskju li jiġu torturati, detenuti *incomunicado* u saħansitra jirriskjaw eżekuzzjoni extra ġudizzjarja.

**70.** Inoltre l-Qorti ssib li ma ġiex pruvat li r-rikorrent appellat Abdul Hakim Hassan Abdulle waqt li kien fil-Libja ġie torturat jew maltrattat iżda ssib li ġie pruvat li r-rikorrent appellat Kasim Ibrahim Nur wara li ġie mneħħi minn Malta u ritornat il-Libja waqt li kien fil-Libja ġie torturat u trattat inumanament u b'mod degradanti.

**71.** Għalhekk, il-Qorti ssib li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni da parti tal-intimati fil-konfront taż-żewġ rikorrenti fil-limiti ta' dak premess b'dan li filwaqt li jirriżulta li Kasim Ibrahim

Nur fil-Libja ġie torturat u trattat inumanament u b'mod degradanti l-istess ma rriżultax fil-konfront tar-rikorrent appellant l-ieħor Abdul Hakim Hassan Abdulle.

## Allegata vjolazzoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni

*Prinċipji*

**72.** F'każ ta' pretenzjoni ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni l-prinċipji regolatorji tal-vertenza ġew puntwaliżżati reċentement mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem[10] u jistgħu jiġu riassunti kif ġej.

**73.** L-Artikolu 13 imsemmi jiggarantixxi d-disponibilita` fuq livell nazzjonali ta' rimedju sabiex jiġu enforzati d-drittijiet u libertajiet sanċiti mill-Konvenzjoni. Dak l-artikolu jesiġi li jkun hemm rimedju domestiku sabiex tkun tista' tiġi trattata s-sustanza ta' "*arguable complaint*" taħt il-Konvenzjoni u jingħata solliev xieraq. L-obbligi taħt l-Artikolu 13 ivarjaw skont in-natura tal-ilment iżda r-rimedju jrid ikun "effettiv" fil-prattika u mhux biss fil-liġi. Kemm ikun effettiv ir-rimedju fis-sens tal-Artikolu 13 ma jiddependix fuq li r-rimedju jkun jagħti garanzija li l-ilment jirnexxi. L-awtorita` li għaliha hemm riferenza fl-istess artikolu ma għandhiex għalfejn neċessarjament tkun waħda ġudizzjarja iżda jekk ma tkunx tali is-setgħat u l-garanziji li toffri jkunu relevanti biex jiġi determinat jekk ir-rimedju mogħti quddiemha jkunx wieħed effettiv. Għalkemm xi rimedju partikolari jista' ma jkunx waħdu jissodisfa għal kollox il-ħtiġijiet tal-Artikolu 13, dawn jistgħu jkunu hekk sodisfatti bil-kumpless ta' rimedji disponibbli taħt il-liġi domestika.

**74.** L-ilment ta' xi individwu li t-tneħħija tiegħu lejn Stat terz tkun ser tesponieh għal trattament kontra l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jrid ikun suġġett għal skrutinju metikuluż minn awtorita` nazzjonali. Bħala konsegwenza, in-nozzjoni ta' "rimedju effettiv" fis-sens tal-Artikolu 13 meta meħud flimkien mal-Artikolu 3 jirrikjedi fl-ewwel lok skrutinju rigoruż u indipendenti ta' kull ilment magħmul

[10] Ara ECHR GC **Hirs Jamaa and others v. Italy**: 23/2/2012 #197

minn persuna f'sitwazzjoni fejn ikun hemm raġunijiet sostanzjali li jiġġeneraw il-biża' ta' riskju ta' trattament kontra l-Artikolu 3 u, fit-tieni lok, jirrikjedi li jkun hemm il-possibilita` li tiġi sospiża l-miżura impunjata[11].

**75.** In vista tal-importanza li l-Qorti tagħti lill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u n-natura irriversibbli tal-ħsara li tista' tiġri jekk ir-riskju ta' tortura jew maltrattament javvera ruħu, l-effett sospensiv għandu japplika wkoll f'dawk il-każijiet fejn l-iStat jiddeċiedi li jneħħi persuna mhux ċittadin tiegħu u jibagħtu f'pajjiż fejn ikun hemm raġunijiet serji li jagħtu lok għal tħassib li dik il-persuna tirrinfaċċja riskju ta' dik ix-xorta[12].

*Applikazzjoni tal-prinċipji msemmija għall-każijiet tal-appellati*

**76.** Fil-ħames aggravju tagħhom, l-intimati appellanti jsostnu li l-allegazzjoni li r-rikorrenti ma tħallewx mill-uffiċjal tal-immigrazzjoni jutilizzaw ir-rimedji mogħtija lilhom mil-liġi ordinarja ma tinkwadrawx fil-parametri tal-Artikolu 3 iżda semmai taqa' fl-ambitu tal-Artikolu 6 li jittratta mid-dritt għal smigħ xieraq u għal aċċess għall-qrati u li, fi kwalunkwe każ, sabiex ikun hemm ksur tal-Artikolu 13 irid jiġi pruvat (i) li l-liġi ordinarja ma tipprovdix għal ebda rimedju prattiku u effettiv biex jiġu evitati allegati vjolazzjonijiet jew jiġu mwaqqfa tali vjolazzjonijiet jew (ii) li l-liġi ordinarja ma tipprovdix għal rimedju għal vjolazzjoni li tkun ġia` seħħet, u mhux li fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ l-individwu ġie prekluż milli jeżerċita r-rimedji legalment disponibbli liema xenarju seta' potenzjalment jinkwadra fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

**77.** Dan l-aggravju jirrifletti intendiment żbaljat jew inkomplet tal-estenzjoni tad-dritt sanċit bl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni, anki kieku kien minnu li l-fatti allegati setgħu jinkwadraw li jiġu eżaminati wkoll taħt xi artikolu ieħor tal-Konvenzjoni li iżda ma ġiex invokat mir-rikorrenti fil-proċeduri tal-lum. Kif ġia` rilevat, ir-rimedju previst mill-

[11] *Ibid*, #198
[12] *Ibid*, #200

Artikolu 13, biex ikun meqjus effettiv, irid ikun tali mhux biss fl-astratt fil-liġi iżda wkoll fil-prattika u fil-konkrett bħala fatt[13].

**78.** Ir-rikorrent appellat Kasim Ibrahim Nur fl-ewwel depożizzjoni tiegħu mogħtija b'affidavit fl-4 ta' April 2007 (dok. B) qal bil-ġurament li meta kien Malta ma kienx ġie infurmat bid-dritt tiegħu li japplika għal ażil. Wara wieħed u għoxrin (21) jum fid-detenzjoni ttella' ġo xarabank ma' oħrajn u ħasbu li ser jittieħdu għal eżami mediku iżda meta kienu fi triqthom indunaw mis-senjali tat-traffiku li kienu qegħdin jersqu lejn l-ajruport u meta saqsew lil min kien jeskorthom dawn weġbuhom li kienu ser jittieħdu l-Libja. Huma nsistew li ma setgħux jittieħdu l-Libja għaliex ma kienux Libjani u għakemm irrifjutaw jinżlu mill-vettura ġew imġiegħla jagħmlu dan mill-pulizija. F'dan l-affidavit ir-rikorrent Nur ma jgħidx li esprima xi tħassib li darba fil-Libja jiġi torturat u maltrattat. Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti fit-28 ta' April 2010 (fol. 456 *et. seq.*) huwa kkonferma li ħadd ma avviċinah b'informazzjoni dwar asil u li aktar tard sar jaf li l-proċedura kienet tieħu fit-tul. Nur kompla jixhed quddiem l-ewwel Qorti fis-26 ta' Mejju 2010 in kontroeżami, u hawn jgħid li meta wasal Malta kien ingħata *removal order* u li ma għamel xejn sabiex jikkontestha. Żied jgħid li hu ma talab ebda protezzjoni mingħand il-pulizija iżda żied jgħid li l-pulizija kien jafu li huwa u l-persuni l-oħra kienu refuġjati. Jgħid li huwa ġie intervistat biss it-tieni darba li wasal Malta fl-2006 u li meta kienu ser jiġu rimossi lejn il-Libja wara l-ewwel wasla tagħhom f'Malta huwa u min kienu miegħu kienu spjegaw li ma setgħux jittieħdu l-Libja għaliex kienu Somali u hemm kien hemm gwerra kiefra għaddejja. B'danakollu l-protesti tiegħu ma ngħatawx widen mill-awtoritajiet f'Malta u ġie obbligat jitla' fuq l-ajruplan u ttieħed il-Libja.

**79.** L-Ispettur Mario Haber, l-uffiċjal responsabbli meta waslu f'Malta mil-Libja l-ewwel darba r-rikorrenti appellati, xehed li l-immigranti ġew informati bid-drittijiet tagħhom u li fil-fatt ħafna minnhom fi żmien tlett ijiem kienu applikaw ghall-i*status* ta' refuġjat. L-informazzjoni kienet tingħata

[13] #71, *supra*.

f'forma ta' formola ta' applikazzjoni bil-lingwa Ingliża biex japplikaw għall-i*status* ta' refuġjat. Mal-wasla tagħhom f'Malta l-immigranti jiġu intervistati fil-qosor. Ma kienx ġie provdut interpretu iżda s-sistema kienet li dawk li kienu jifhmu bl-Ingliż kienu jispjegaw lill-oħrajn. Ħafna mill-immigranti li kienu waslu Malta flimkien mar-rikorrenti appellanti kienu applikaw għal asil iżda s-sitt persuni li ġew rimossi lejn il-Libja, fosthom ir-rikorrenti appellanti, ma kienux fosthom.

**80.** Mill-kumpless tal-provi u miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ din il-Qorti taċċetta li r-rikorrenti kienu ġew informati bid-dritt tagħhom li japplikaw għal asil f'Malta iżda dan ma għamluhx, filwaqt li diversi minn dawk li waslu Malta magħhom għamlu dan. Jidher li r-raġuni li r-rikorrent Nur ma applikax għal asil f'Malta x'aktarx kienet għaliex kien informat li l-proċess kien jieħu żmien twil.

**81.** B'danakollu, meta r-rikorrent Nur, appena sar jaf li kien ser jittieħed lura fil-Libja waqt li kien jinsab immanettjat fuq ix-xarabank fi triqtu lejn l-ajruport, wera li kien joġġezzjona għal dan u li kien jippretendi li ma għandux jintbagħat il-Libja, huwa ma ġie provdut b'ebda assistenza legali u b'ebda opportunita` sabiex ikun jista' jikkontesta t-tneħħija tiegħu lejn il-Libja quddiem xi awtorita` kompetenti li kienet tikkwalifika bħala tali skont l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni billi tal-anqas jottjeni s-sospenzjoni tal-miżura ta' tneħħija minn Malta. Għalkemm jidher li r-rikorrent Nur ma allegax mal-awtoritajiet f'Malta li huwa kien ser jirrinfaċċja r-riskju ta' tortura jew maltrattament jekk jiġi ritornat fil-Libja, jew li kien qiegħed jirrinfaċċja l-possibilita` li jiġi arbitrarjament ritornat forzatament lejn is-Somalja mill-awtoritajiet Libjani, b'danakollu ma hux eskluż li, bl-assistenza legali opportuna, tenut kont ta' dak li ġia` rriżulta aktar 'il fuq f'din is-sentenza dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-Libja fiż-żmien relevanti, huwa kien ikollu "*an arguable claim*" taħt l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

**82.** Inkwantu għar-rikorrent l-ieħor Hassan Abdulle, iżda, l-appellanti għal darb'oħra għandhom raġun li, wara

l-isfilz tal-affidavit tiegħu, ma baqa’ ebda prova ta’ dak minnu allegat u dwar iċ-ċirkostanzi personali tiegħu fil-jum li wasal Malta, matul iż-żmien li kien Malta u fil-jum li ġie mneħħi minn Malta.

**83.** Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi respint inkwantu jikkonċerna lir-rikorrent appellant Kasim Ibrahim Nur iżda qiegħed jiġi milqugħ inkwantu jikkonċerna lir-rikorrent Abdul Hakim Abdulle.

**Dwar ir-rimedju**

**84.** Fis-sitt u l-aħħar aggravju tiegħu l-appellanti jilmentaw dwar il-kumpens li ġew ordnati jħallsu lir-rikorrenti. F’dan ir-rigward, għalkemm hu veru li r-rikorrenti ma talbux speċifikatament il-kundanna għal xi ħlas ta’ danni materjali jew pekunjarji b’danakollu talbu lill-Qorti tagħtihom dawk ir-rimedji kollha meħtieġa u neċessarji sabiex jiġu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tagħhom u ċertament il-kundanna ta’ somma pekunjarja tinkwadra fost ir-rimedji minnhom mitluba. Tenut kont tal-importanza li l-Qorti tagħti lill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u lill-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u n-natura irriversibbli tal-ħsara li tista’ tiġri jekk ir-riskju ta’ tortura jew maltrattament javvera ruħu – kif din il-Qorti sabet li avvera ruħu fil-konfront tar-rikorrent appellant Kasim Ibrahim Nur – din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti ma hix tal-fehema li s-sejbien ta’ leżjoni jkun suffiċjenti bħala rimedju, anqas fir-rigward tar-rikorrent Abdul Hakim Hassan Abdulle li fil-konfront tiegħu ma sabitx li ġie torturat jew assoġġettat għal trattament inuman jew degradanti fil-Libja. B’danakollu, f’dan ir-rigward, din il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni din ir-riżultanza meta tiġi sabiex tikkalibra r-rimedju ġust għal-leżjonijiet riskontrati skont il-konsegwenzi tal-istess leżjonijiet.

**85.** Fi kwalunkwe każ, ġia` ġie ritenut minn din il-Qorti[14] li fir-rimedji li tista’ tagħti fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali ma hijiex vinkolata bit-talbiet tar-rikorrent

[14] Ara Q. Kost. **Il-Pulizija v. Carmelo sive Charles Ellul Sullivan et.**, 24/1/1991; **Carmen Lantieri v. Avukat Ġenerali**, 19/4/2012; #50; **Yazan Harmoush v. Viċi Prim Ministru et.**, 289/9/2012.

fir-rikors promotorju u li anzi f'ċerti ċirkostanzi tista' addirittura biex tagħti rimedju li jkun effiċjenti tkun **obbligata** li tmur *extra petita*[15] u għalhekk inkwantu bbażat fuq il-lanjanza li l-ewwel Qorti marret *ultra petita* fid-determinazzjoni tagħha tar-rimedju opportun dan l-aggravju, salv dak premess fil-paragrafu preċedenti, hu ċertament insostenibbli.

**Decide**

Għall-motivi premessi din il-Qorti qegħdha tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha f'dik il-parti fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati appellanti dwar li l-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern ma huwiex il-leġittimu kontradittur skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 u minflok tilqa' l-istess eċċezzjoni u konsegwentement tillibera lill-istess Ministru mill-osservanza tal-ġudizzju, tħassarha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-intimati flimkien *in solidum* bejniethom sabiex iħallsu lil kull wieħed mir-rikorrenti s-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) b'kollox għoxrin elf Euro (€20,000) bħala kumpens u minflok tikkundannhom flimkien *in solidum* bejniethom sabiex iħallsu lir-rikorrent appellat Abdul Hakim Hassan Abdulle s-somma ta' sitt elef Euro (€6,000) u lir-rikorrent appellat Kasim Ibrahim Nur is-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000), b'kollox sittax-il elf Euro (€16,000) bħala kumpens, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jibqgħu kif deċiżi, waqt li l-ispejjeż konnessi mal-eċċezzjoni li l-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern ma huwiex il-leġittimu kontradittur għandhom jitħallsu fl-intier tagħhom mir-rikorrenti appellati waqt li l-kumplament tal-ispejjeż għandhom jitħallsu inkwantu għal wieħed minn ħamsa ($^{1}/_{5}$) mir-rikorrenti appellati u erbgħa minn ħamsa ($^{4}/_{5}$) mill-intimati appellanti.

**< Sentenza Finali >**

[15] Ara **Il-Pulizija v. Carmelo sive Charles Ellul Sullivan et.**, *supra*, #13

---------------------------------TMIEM---------------------------------